# Mis-Sillabu

RIVISTA GĦALL-ISTUDENTI TAL-MATRIKOLA

Volum 2 Numru 1








IL-ĦIDMA LETTERARJA F'MALTA FI ŻMIEN IL-FAXXIŻMU

INTERVISTA MA' ĠUŻÈ CHETCUTI

IR-ROMANTIĊIŻMU FIL-POEŻIJA TA' ĠORĠ ZAMMIT

IL-PROPAGANDA IMPERJALISTA FIL-POEŻIJA TA' ĠORĠ PISANI

ANALIŻI TAD-DRAMM "L-IMWARRBIN"

KORS FL-GĦARBI GĦALL-MATRIKOLA

peg Publications

PUBBLIKAZZJONI TAL-PUBLISHERS ENTERPRISES GROUP (PEG) LTD.

25ċ

# Mis-Sillabu

**Maħruġ l-ewwel darba f'Settembru, 1984**

**Volum 2 Numru 1**

Pubblikat mill-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
Triq Herbert Ganado,
Il-Ħamrun, Malta.



© 1985 P.E.G. Ltd.
© Dritt Letterarju tal-kittieba

Il-jeddijiet kollha miżmuma. L-ebda silta ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat mingħajr il-permess bil-miktub tal-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.



Phototypeset mill-Comprint Ltd, Il-Ħamrun
Mitbugħ mill-Imprint Ltd, Ħal Qormi



**Bord Editorjali**

Ġorġ Mifsud (*Editur*)
Mario Azzopardi (*Sub-Editur*)

*Konsulenti* J.M. Brincat
Geth Massud
Paul Xuereb


**Il-Kittieba**

Mario Azzopardi
Ġużè Chetcuti
Judith Dingli
A. Micallef
Ġorġ Mifsud
Alfred Zerafa

**X'FIH**


**Il-Ħidma Letterarja f'Malta fi Żmien il-Faxxiżmu (1)**
*Mario Azzopardi* 185
**Intervista ma' Ġużè Chetcuti, Awtur tar-Rumanz**
*Nirien ta' Mħabba* 189
**Komponiment Mudell – Bejn il-Ġuħ u l-Armamenti**
*Judith Dingli* 191
**Ir-Romantiċiżmu fil-Poeżija ta' Ġorġ Zammit**
*Ġorġ Mifsud* 192
**Il-Propaganda Imperjalista fil-Poeżija ta' Ġorġ Pisani**
*Ġorġ Mifsud* 194
**"L-Imwarrbin" ta' Francis Ebejer** *A. Micallef* 196
**Pass Pass lejn il-Livell Ordinarju (4)** *Alfred Zerafa* 198
خطوةً خطوةً إلى المستوى العادي (٤) بقلم الفريد زرافا
**Mingħand il-Qarrejja** Kopertina


**L-EDITORJAL**

B'din l-ewwel ħarġa tat-Tieni Volum ma nistgħux ma nsemmux it-teknoloġija moderna u l-magni kompjuterizzati li tant qed iħaffulna x-xogħol biex ir-rivista tagħna mhux biss toħroġ mal-ħin imma jgħinuna nilħqu l-livell għoli ta' produzzjoni li rridu.

Il-kompjuter ġab rivoluzzjoni sħiħa fl-aspetti kollha tal-ħajja, u l-edukazzjoni u l-letteratura m'humiex nieqsa. Għoxrin sena ilu l-enfasi fl-edukazzjoni kemm hawn Malta u wisq aktar fl-Ewropa u fl-Amerika kienet fuq it-tellieqa avventuruża ta' l-ispazju u l-qagħda ta' l-edukazzjoni tax-xjenza, imbagħad fuq it-theddida tal-gwerra bħall-Gwerra tal-Vjetnam u l-Gwerra bejn Iżrael u l-Eġittu, imbagħad ir-responsabbiltajiet soċjali ta' l-iskola. Illum l-enfasi qed iddur fuq il-kompjuter u tant daħal 'il ġewwa f'ħajjitna, anki fiċ-ċokon ta' gżiritna, li wieħed jagħmel tajjeb jekk xi darba jistħarreġ min huwa l-bniedem edukat illum. U jaqbel li din il-mistoqsija nfittxulha t-tweġiba f'waqtha tagħha kemm jista' jkun malajr. Il-bżonn ta' din it-tweġiba jikber aktar meta wieħed jiftakar l-għadd kbir ta' mikro-kompjuters li deħlin f'idejn l-istudenti.

Jidher li sad-disgħinijiet ta' dan is-seklu l-bniedem edukat se jġarrab l-esperjenza tal-kompjuter. F'din il-ħaġa hemm futur sabiħ, l-aktar meta 50% biss mill-ħaddiema fil-pajjiżi industrijalizzati se jkunu qegħdin iħaddmu l-kompjuter.

L-effetti ewlenin tal-kompjuter huma tnejn: bih nistgħu nwettqu l-istess affarijiet f'ħin iqsar u bi prezz orħos; bih nistgħu nidħlu għal affarijiet differenti f'daqqa u f'ċertu sens insiru nies differenti. Tabilħaqq, ir-rivoluzzjoni tal-kompjuter hija bil-wisq akbar mir-rivoluzzjoni industrijali tas-seklu tmintax. Bih seħħet rivoluzzjoni teknoloġika għax l-affarijiet tagħna nistgħu nagħmluhom aħjar daqskemm lilna qed tibnina f'"soċjetà ta' informazzjoni".

L-argumenti kontra l-kompjuter huma bosta wkoll. Jingħad li huwa imposturaġni tal-moħħ tal-bniedem, li jagħmel ħsara u jdgħajjiflu moħħu fil-kapaċitajiet tiegħu għax-xogħol u l-ħidma l-oħra, li waħdu ma jistax ifisser lilu nnifsu, jiddiskuti jew jargumenta.

Madankollu, dmir il-bniedem jitlob li fl-edukazzjoni liberali ma għandniex inwarrbu kisba xjentifika bħal din. Lilkom l-istudenti u lilna l-għalliema l-kompjuter tana x-xoqqa f'moxtha biex nissieħbu aktar mill-qrib u b'mod aktar ħabrieki fil-proċess edukattiv. Ma jistax ikun li intom tibqgħu bil-qiegħda aktar fuq il-bank tibilgħu kollox bl-imgħarfa, kulma jgħidulkom l-għalliema. Il-kompjuter fl-aħħar qerdilkom il-passività. Sirtu parteċipanti attivi għax kapaċi tidħlu għat-tibdiliet meħtieġa u tagħfsu fuq l-iżvilupp ta' l-edukazzjoni tagħkom..


# Mis-Sillabu

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil**
L-Editur, Mis-Sillabu,
Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
P.E.G. Building,
Triq Herbert Ganado,
Il-Ħamrun, Malta.

**Abbonamenti u ħarġiet ta' qabel mingħand**
P.E.G. Book Centre,
Savoy Shopping Arcade,
Il-Belt Valletta. Tel: 621229

# IL-ĦIDMA LETTERARJA F'MALTA FI ŻMIEN IL-FAXXIŻMU (1)



Mussolini: id-dittatur faxxista akklamat mill-filo-Taljani Maltin

**Minn Mario Azzopardi**

SA META DUN KARM PSAILA (1871–1961) beda jikteb bil-Malti fl-1912, wara t-tħabrik ta' Ġużè Muscat Azzopardi (1853–1927) li ħeġġeġ mhux biss lil Psaila iżda wkoll lil Patri Atanasju Cuschieri (1876–1962), il-poeżija bil-lingwa nattiva kienet ippopolarizzata minn diversi kittieba minuri li mlew il-ġurnali b'tentattivi ta' bixra jew satirika. Filwaqt li jirrikonoxxi li dawn il-kittieba kienu mbegħdin mill-kunċett tal-poeżija bħala arti, Friggieri[1] jqis illi x-xogħlijiet tagħhom "kienu importanti fis-sens li rnexxielhom jikkoxjentizzaw lill-poplu dwar il-problemi soċjali, ixandru u jistmaw is-sentimenti popolareski u l-ambizzjonijiet kollettivi varji l-oħra".

Is-sehem kbir tal-minuri għaldaqstant għandu jittieħed bħala l-punt tat-tluq li mbagħad wassal għall-kixfa tal-poeżija letterarja fl-ewwel nofs tas-seklu Għoxrin. Richard Taylor (1818–1868), Annibale Preca (1832–1901), Dwardu Cachia (1858–1907) u xi oħrajn ħadu sehem f'moviment ieħor didattiku li ta lil-letteratura bil-Malti dehriet ġodda ta' ċertu dekor, imwieżna, fost l-oħrajn, bi tradizzjonijiet mill-opra Danteska.

B'kuntrast magħhom, kittieba bħal Manwel Dimech u Ġwann Mamo għandhom jidhru bħala ribelli solitarji, konvinti mill-ħtieġa tat-taqbida nazzjonali kontra l-ħakma imperjali, kontra l-kleru politiċizzat u fuq kollox kontra l-inattività mentali tal-Maltin, sejħa li tista' tkun traċċata fil-qagħda antirettorika u popolareġġjanti li kien ħa Giovanni Berchet (1783–1851), meqjus fl-Italja bħala l-ewwel u l-aqwa liriku patrijott, l-ispirtu li sostna l-ewwel battalji romantiċi f'isem il-ħelsien.[2]

L-interess lingwistiku-letterarju tal-"ħbieb tal-Malti" kien isseddaq, sal-1920, bit-twaqqif tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti,*[3] xirka ta' msieħbin li l-ewwel għan tagħhom kien li jiftiehmu dwar metodu komuni ta' ortografija. Bdew deħlin ideat dwar il-ħtieġa ta' trawwim letterarju u kritiku u fl-1931, Rużar Briffa (1906–1963) u Ġużè Bonnici (1907–1940) talbu lil Dun Pietru Pawl Saydon (1895–1971) igħinhom jorganizzaw l-*Għaqda tal-Malti* fl-Università. Attivisti ta' dispożizzjoni devota bħal Ġużè Aquilina (1911–     ) komplew seddqu dawn il-kurrenti b'kitbiet ta' poeżiji bl-Ingliż, traduzzjonijiet u tentattivi kritiċi dwar l-ewwel romantiċiżmu Malti, fost l-oħrajn, minbarra l-organizzazzjoni ta' għaqdiet oħra għall-kultivazzjoni tal-lingwa Ingliża, bħal *Literary Society,* imħabbra fl-1931 u li laqgħet fiha lil xi letterati ġodda bħal Aquilina nnifsu, Ġużè Diacono (1912–     ) u Anton Buttigieg (1912–1983).

Kittieba aktar individwalisti baqgħu barra minn ħdan l-*Għaqda*: Ġwann Mamo (1886–1940), Ġużè Ellul Mercer (1897–1961) u Ġużè Orlando (1898–1962), fost l-oħrajn, fehmu li kellhom jikkumbattu l-injoranza u l-preġudizzji fil-poplu permezz ta' kitba li titlob riforma soċjali. Imnebbaħ mid-Dimechjaniżmu, Mamo pprova jfassal pjan ta' tagħlim f'gazzetti ta' għomor qasir bħal *Il-Ljun* (1922), *Il-Fqir Malti* (1923) u bis-saħħa tat-twaqqif tad-*Dar Ħruġ il-Kotba Meħtiġin* (1924). Gazzetta oħra, *Il-Ħmar*, kienet qed ixxandar artikli li fil-kumpless tagħhom kienu jattakkaw il-korruzzjoni soċjo-morali kontra l-ħaddiema; meta l-folju ħareġ artiklu bl-isem *Ħaddiema Ngħaqqdu l-Ponnijiet* fl-1928, il-Kurja, f'ċirkulari tal-11 ta' Diċembru, ikkundannatu bħala xewwiex u immorali, flimkien mal-buzzett *Ħaddiem*[4] li Ellul Mercer xandar fis-sensiela tiegħu *Ħrejjef ta' Barraminaw*, mibdijin fl-1927. Il-kitba ta' Ellul Mercer kienet ikkundannata mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi għax offendiet "il-pudur u l-moralità",[5] akkuża likwidata mill-Imħallef F. Pullicino f'appell li nstama' quddiem il-Qorti fl-4 ta' Marzu 1929.

Ta' min iżid illi bejn l-1930 u l-1933, il-Kurja imponiet piena ta' dnub mejjet, bħalma għamlet fil-każ ta' *Il-Ħmar*, fuq għadd ta' gazzetti oħra bil-Malti: *Il-Progress, Ix-Xemx, Id-Dehen* u *Dr. Xekkek.*[6]

Il-ħidma ta' l-awturi Maltin progressisti, li, b'modi differenti, kienu qegħdin jaraw it-traġedja nazzjonali tagħfas l-aktar fuq il-ħaddiem, issaħħet bil-pubblikazzjoni ta' *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, xogħol li Mamo kiteb bejn l-1930–31 u li l-awtur iddeskriva bħala "satiriku-deskrittiv, semi-politiku ta' żminijietna". Fix-xogħlijiet tar-riformisti soċjali jidher li l-kontenut kumbattiv kontra l-esplojtazzjoni tal-massa ħa preċedenza fuq il-formaliżmu letterarju li kien jikkaratterizza lix-xogħlijiet tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, li l-fil tagħhom kien 'il bogħod mill-qisien tal-ħtiġijiet l-aktar immedjati tal-poplu. F'*Ulied in-Nanna Venut*, Mamo fiehem kif qassisin kittieba bħal "Dun Saydon" u "Dun C. Psaila" kellhom ħsiebhom "biex jimxu wara l-bidwi li jiżra' l-art m'hix maħduma, ħsiebhom fil-kitba li l-poplu mħolli b'mod li ma jifhimhiex, jew jaqraha iva, u jifhimha daqs pappagall!"[7]

Ġużè Bonnici (1907–1940) għandu jingħata post mal-protagonisti li fittxew li jindagaw dwar il-qagħda reali tal-kotra tal-ħaddiema u tal-bdiewa. Ir-rumanz tiegħu *Ħelsien* (1939) jerġa' jinvestiga l-qagħda patetika tal-massa skond it-tagħlim ta' l-enċiklika *Rerum Novarum* (1891) ta' Ljun XIII, li rabtet il-morali Kattolika mal-problemi tal-ħaddiema mnissla wara r-Rivoluzzjoni Industrijali. Fl-i*Storja tal-Partit tal-Ħaddiema* (1931), Bonnici fisser li, filwaqt li l-massa popolari fl-Ewropa kienet qiegħda tqum xi ftit fuq tagħha, il-kotra Maltija kienet "rieqda raqda tal-mewt". Bonnici jrid jissemma wkoll mhux biss bħala t-tabib li ħareġ kotba ta' istruzzjoni xjentifika għall-konsum popolari (*It-Trobbija tat-Tfal*, 1932, u mbagħad *Il-Ġmiel ta' Ġisimna*, 1939, is-sena ta' qabel miet), iżda għall-koreografija ta' raħħala miżerabbli u karattri marradija li jinvadu l-aħjar xogħlijiet tiegħu. Dan jikkuntrasta mill-ġdid ma' l-idealiżmu romantiku ta' Psaila u dawk li ngabru taħt ġwenħajh biex isawru innu li, essenzjalment, qatt ma fehem l-attwalità miskina tar-raħħala bla tagħlim u bla mezzi.

Jista' jingħad li dawn il-konfronti bejn letteratura li tħaddan xejriet ta' inkjesta soċjo-politika u l-oħra li riedet temanċipa l-lingwa skond skemi ta' formaliżmu Taljan, waslu fi żmien li sata' kompla ta' vantaġġ lil dawk li ssotovalutaw il-vernakular lokali. Irid jingħad ukoll li snin qabel Mamo kien wera li apprezza l-ħidma ta' Dun Karm[8] filwaqt li Ellul Mercer ukoll wasal biex wera l-qima tiegħu lejn il-poeta.[9]



**Favur il-Malti u kontra l-esplojtazzjoni tal-kotra: M. Dimech, Ġ. Mamo u Ġ. Ellul Mercer**

Mar-riformisti soċjali jinkwadra ruħu wkoll Orlando, li sa mill-1920 beda jagħti kontribut qawwi f'gazzetti għall-ħaddiema bħal *Il-Ħmar* u *Il-Kotra*. Fl-1923, taħt l-isem fittizju *Grabiel D-Annunzio*, Orlando ppubblika *Il-Ħamsin Mizzista* ġabra ta' sunetti satiriċi dwar persunaġġi Mizzjani li l-awtur rahom bħala "irredentisti" li fil-*Kafè Internazionali* tal-Belt kienu jiltaqgħu biex ifaħħru lil Mussolini, "jippritkaw il-faxxju" u jitkellmu "bin-nostra lingua" taċ-"ciciliani".[10] Fl-1935 Orlando ħareġ ġabra ta' ħamsa u għoxrin poeżija[11] b'diversi mottivi soċjo-realisti favur il-kawża tal-fqir u li mbagħad sabu maturazzjoni fir-rumanz tiegħu *L-Ibleh* (1948). Orlando jrid jissemma wkoll għax kien l-ewwel awtur Malti li ġabar kronakament fi ktieb[12] dak li ġara fis-7 ta' Ġunju, 1919, bil-fehma li jsewwi l-impressjonijiet ta' dik id-data kif ingħataw minn "rapport uffiċċjali li qalleb il-ġrajja u minflok li għollieha, irriduċieha l-aktar baxxa".[13]

Min-naħa tagħhom il-filotaljani akkwistaw il-lealtà ta' filologu mħarreġ, Ġużè Micallef (1891 – 1940) biex jikkontestaw l-element Semitiku fil-Malti. Micallef kien jemmen fil-Malti bħala mezz xieraq ta' tagħlim: kien jaqra r-rumanzi patrijottiċi lill-bdiewa u lir-raħħala u kien hu li sejjaħ lil Ġużè Muscat Azzopardi "il-missier tal-letteratura ġdida bil-Malti".[14] Micallef, li fi żmien l-Amministrazzjoni Nazzjonalista tal-1932 – 33 inħatar Ministru tal-Biedja u s-Sajd, kien interessat ukoll fil-professorat għall-Katedra ġdida tal-Malti. Fl-1931 lesta memorandum dwar il-lingwa Maltija u ressqu għall-attenzjoni tar-*Royal Commission* li waslet f'Malta dik is-sena filwaqt li bejn l-1936 – 37 nieda sensiela ta' taħditiet dwar il-grammatika u l-filoloġija fil-Kulleġġ Flores, il-Belt.[15] Hemm qbil li l-interess ta' Micallef fil-Malti kien serju u xjentizzat u ntuża bil-konvinzjoni li jekk il-lingwa tal-post tingħata xeħta Semitika, l-Ingliżi jkunu għamlu rebħa politika kbira li kellha taffettwa psikoloġikament lill-identità tal-Maltin.

Fl-1932, il-Gvern Nazzjonalista għarraf li l-Malti fl-iskejjel għandu jinkiteb fonetikament biex joqrob lejn it-Taljan u jħaffef it-tagħlim tat-Taljan; id-dixxipli tal-Għaqdiet tal-Malti opponew. Huma sostnew li l-ordni ngħatat kontro-ordinanza tal-Gvern Imperjali u li l-Gvern ta' Malta ma setax iħassar dik il-liġi. Ir-reazzjoni ta' l-imseħbin fl-*Għaqda tal-Malti* fl-Università kienet interpretata politikament bħala waħda sovversiva u l-attivitajiet tax-xirka kienu sospiżi sakemm inbidel il-Gvern lokali. Jidher illi l-mexxejja ta' l-Università ħassewhom insulentati bil-kontenut tal-ktejjeb *Tagħlim il-Malti fl-Imgħoddi u Llum*,[6] li pprotesta li l-Malti kien "mistkerraħ u mitfugħ taħt is-saqajn" mill-egħdewwa tiegħu, filwaqt li "dawk li jħobbu l-ilsien Malti tarahom imżebilħin, qishom l-akbar u l-eqqel egħdewwa ta' arthom".[17] L-istudenti universitarji ħbieb tal-Malti kienu urtati u pprotestaw ukoll talli Mons. A. Pantalleresco, direttur tal-Liċeo tal-Belt fi żmien il-Ministeru ta' Enrico Mizzi, biddel l-ismijiet kollha ta' l-istudenti u tahom verżjoni Taljana.[18]

Il-kontenut kontroversjali li deher imxandar f'*Tagħlim* wassal lir-Rettur ta' l-Università, A. Agius, jiddikjara li studenti fl-*Għaqda* bħal Ġ. Aquilina, A. Buttigieg, Ġ. Diacono u J. Formosa ('il quddiem sar maġistrat) kienu motivati u mxewxin politikament[19] u ordna li l-*Għaqda* ma titħalliex tiltaqa' aktar fl-Università. L-istudenti bdew jiltaqgħu f'ostell fi Strada Stretta, il-belt u kkomponew għadd ta' artikli kontra t-tmexxija Nazzjonalista li bdew jidhru fid-*Daily Malta Chronicle* bil-psewdonimu "Robin Hood".[20]

Fl-istess żmien is-*Società Universitaria di Letteratura Italiana* (SULI), li ħafna mill-membri tagħha kienu Faxxisti,[21] bdiet tniedi laqgħat fil-każin *Giovine Malta*, fejn, f'taħdita minnhom, Michelangelo Mallia, wieħed mill-ewlenin tas-SULI, irrefera għat-Taljani bħala *i nostri fratelli d'oltre mare*.[22]

Il-polemika tidher li intensifikat bil-ħidma ta' l-attivisti Italofili, li baqgħu jqisu l-lingwa lokali bħala djalett sprivileġġat kulturalment u strument ta' impostazzjoni imperjali Brittanika kontra l-istoriċità Latina ta' Malta.[23]

Diacono jqis illi "min kien pro-*British* kien lest li jaħdem kemm jista' favur id-dħul tal-lingwa Maltija sabiex jitneħħa darba għal dejjem it-Taljan, li għan-Nazzjonalisti kien qaddis." Huwa jkompli jelabora hekk:

> *Aħna li konna mal-*Constitutional Party *xaqlibna ċertament lejn l-Ingilterra u konna nqisu ruħna egħdewwa maħlufa tan-Nazzjonalisti; kien hemm simpatija kbira bejnna u bejn il-*Labour Party *taħt Pawlu Boffa, bniedem li ried il-Malti ġenwinament.*[24]

Qabel ma Dun Karm laħaq l-aħjar wetqiet tiegħu letterarji lejn tmiem is-snin tletin, il-formazzjoni Taljana ta' diversi letterati Maltin kienet rawmet moviment b'aspirazzjonijiet li sabu l-milja tagħhom fl-ideali Faxxisti, sintomi illi sa llum għal raġuni jew oħra, għadhom injorati, imqar fuq il-pjan soċjo-storiku tal-letteratura lokali. L-analiżi ta' dan il-moviment hija ta' ħtieġa għax jidher li grupp wiesa' ta' universitarji u letterati żgħażagħ oħra ġew f'kuntatt mal-polemika dwar l-arkadja, l-individwaliżmu espressiv "anti-storiku u anti-soċjali" ta' Croce, il-funzjonamenti piroknetiċi ta' Marinetti,[25] Papini u Palazzeschi, il-poeżija ġdida ta' Valeri, Ungaretti, Saba u Montale flimkien mat-teoriji dwar in-nazzjonaliżmu popolari korporattiv li kkaratterizza lir-reġim ta' Mussolini.[26]

Il-penetrazzjoni kulturali Taljana f'Malta żdiedet b'qawwa fl-1929, is-sena tal-Konkordat Lateran. Infetħu f'Malta fergħat tal-*Milizia Fascista Italiana* flimkien ma' dawk li bdew jissejħu *Combattenti Italiani*. Inħolqot ukoll kumpanija teatrali b'interessi Italo-Maltin, inawgurata bl-isem *Goldoni e Giacosa* filwaqt li r-rivista *Archivio Storico di Malta* xxandret għall-ewwel darba f'Ruma. Huwa stmat illi ċ-ċentri u rivisti ta' nebħa faxxista f'Malta bejn l-1929 u l-1932 kienu qegħdin jiżdiedu b'rata ta' bejn erbgħa u ħamsa fis-sena.[27]

Fl-1929 *Malta Letteraria*, ir-rivista *eminentemente Nazionalista*, mibdija minn A. Mercieca għoxrin sena qabel u editjata wkoll minn E. Mizzi (1914) u G. Curmi (1926 'il quddiem) iddeskriviet dak li ġara bejn l-Istat ta' Mussolini u l-Vatikan f'editorjal *L'Accordo fra la Santa Sede e lo Stato Italiano*, ippubblikat xahar wara l-ftehim tal-Lateran:

> *Impossibilie descrivere l'entusiasmo delirente del popolo che gremiva la Piazza. Il papa era visibilmente commosso fino alle lacrime, mentre da migliaia e migliaia di petti si sprigionavano grida unanimi di Viva il Papa! Viva Mussolini!*

F'ħarġa oħra fi Frar ta' l-1931 l-istess rivista rriproduċiet diskors li għamel il-Professur V. Laurenza fl-Awla ta' l-Università u li nfetaħ billi ta ġieħ lill-ismijiet *che hanno fama, valore e interesse mondiale* fosthom D'Annunzio u Mussolini. F'Diċembru tas-sena ta wara, *Malta Letterarja* faħħret direttament il-Faxxiżmu b'deklamazzjonijiet bħal *Fascismo ordinatore e costruttore*,[28] *o il fascismo o la catastrofi*,[29] *è solo*

*l'Italia fascista che ha offerto al mondo uno spettacolo di ordine*,[30] fost l-oħrajn. Il-ħidma Mussolinjana kienet imfissra bħala opra ta' *grandezza* u *solidità*, karatterizzata minn sagrifiċċju, ordni, dixxiplina, ekwilibriju u serenità spiritwali.[31] *Malta Letterarja* kkonkludiet b'dehra oħra tal-mexxej Taljan:

> *. . . saldo, massiccio, adorato da tutto il popolo, al centro di tutta questa gigantesca opera molteplice, animatore insonne e gagliardo . . . in conspetto al quale tutte gli altre figure grandiose della storia impallidiscono . . .*[32]

F'Jannar tal-1932, V.M. Pellegrini (1910– ) xandar l-ewwel edizzjoni ta' *La Brigata, rassegna di lettere, scienze ed arti*[33] li fiha bdew jikkontribwixxu, fost oħrajn, Ġ. Aquilina,[34] Giovanni Curmi (1900–1973) u Ġorġ Zammit (1908– ). Għadd kotran ieħor ta' *Brigatisti* bħal C. Attard Cassar, A. Gauci, G. Lucia, M. Mallia, C. Liberto, S. Marinelli u M. Tufigno ngħaddu biex jimmanifestaw it-twemmin tagħhom[35] kontra l-passatiżmu:

> *La Brigata è sinonimo di libertà, di libertà nello scrivere, e perciò pubblicherà tutto quello che sia letterariamente degno di essere pubblicato: critica, storia, poesia, lavori d'imaginazione, bizarrie futuriste . . . La Brigata è un monumento alla nostra imaginazione, alla nostra energia, alla nostra persistenza; un periodico scevro di tradizioni ammuffate, senza fetidi passati, senza legami di sorta – ma con un libero futuro davanti . . . per creare una nuova era.*[36]

Il-formazzjoni kulturali tal-kontributuri kienet tħaddan fehmiet kuntrastanti dwar il-Futuriżmu, mistħarreġ fl-isfond ta' l-etika poetiko-kristjana skond Chateaubriand,[37] li deher jinkorpora *lo spirito rigeneratore del Cristianesimo in quanto esso servì di sostanza, tra l'altro, all'attività letteraria dell'uomo.*[38] Kien rikonoxxut l-egħluq tal-moviment klassiċista ottoċentesk Taljan mal-mewt ta' Giosuè Carducci fl-1907 biex jitħabbar l-avvent ta' l-ispirtu mqalleb tal-ewwel Futuristi u segwaċi bħal Auro d'Alba, Luciano Folgore u Ardengo Soffici, fost l-oħrajn, aderenti (imqar jekk modifikati b'qisien varji ta' intensità) għall-fehma li l-letteratura Taljana kienet ilha żmien twil "iddominata minn immobbiltà artistika u minn skjavitù intellettwali għamja".[39] Ir-rivista universitarja xandret siltiet mill-ewwel Manifest tal-Futuriżmu:

> *Noi vogliamo cantare la temerità, l'audacia, la ribelione, l'insonnia febbrile, il salto mortale, lo schiaffo ed il pugno. Vogliamo distruggere i musei, le biblioteche, le accademie di ogni spece.*
>
> *Noi canteremo le grandi folle agitate dal lavoro, dal piacere, dalla sommossa: canteremo le marce multicole e polifoniche delle rivoluzioni nelle capitali moderne . . .*

**Tliet edituri ta' *Malta Letteraria:* A. Mercieca, E. Mizzi u G. Curmi**





**Il-Kumpanija "Goldoni e Giacosa", imwaqqfa f'Diċembru, 1929 mill-Professur V. Laurenza, magħruf bħala "l-ispirtu ta' l-Italjanità f'Malta." Laurenza jidher fin-nofs, bil-qiegħda, mal-kast ta' "La Locandiera", il-kummiedja ta' Carlo Goldoni, diretta minn Laurenza nnifsu fit-Teatru Manoel f'Jannar, 1929.**

> *Dall'Italia noi lanciamo questo nostro Manifesto di violenza travolgente e incendiaria, col quale fondiamo il Futurismo, perchè vogliamo liberare questo paese dalla sua fetida cancrena di professori, d'archeologi, di ciceroni d'antiquari.*[40]

In nebħa ardita Futurista, imxandra għall-ewwel darba fl-1909 fil-*Figaro* ta' Pariġi u tradotta ftit wara fir-rivista *Poesia* ta' Milan kienet integrata man-nazzjonaliżmu l-ġdid li nissel il-"Fiamme nere" u l-*Federazione Arditi d'Italia* li appoġġjaw ir-rivoluzzjoni Mussolinjana. Il-programm estetiku ta' Marinetti twessa' biex joħloq skopijiet politiċi:

> *Italia sovrana assoluta. La parola ITALIA deve dominare sulla parola LIBERTÀ.*[41]

Skond l-iskemi politiko-futuristiċi riedu jinbnew programmi ta' edukazzjoni patrijottika lill-proletarjat, il-politika barranija ssir waħda ċinika u aggressiva bid-dover li twessa' l-limiti ġeografiċi tal-peniżola u toħloq il-makkinarju meħtieġ biex jitwaqqfu l-kolonji bis-saħħa tal-kult tal-progress u l-veloċità.

Diversi Brigatisti Maltin intlaqtu minn dan ir-riħ rinnovattiv, imqar jekk it-tentattivi letterarji tagħhom, imxandrin bl-ilsien uffiċċjali Taljan ma kkonsonawx, ħlief f'xi każi mxerrdin, ma' l-enerġija vjolenti u ċ-ċirkolazzjoni ta' Letteratura antikulturali li xandru l-Futuristi fl-Italja. It-tiġdid seħħ l-aktar fil-mentalità aspirattiva Latina u Mediterranea (fil-kumpless ideoloġiku tal-*mare nostrum*) li lemħet fl-epoka Mussolinjana t-twettiq tar-rinaxximent modern Taljan, imħabbar u sostnut hawn Malta politikament u "reliġjożament" bħala arma kontra l-imperjaliżmu. F'mudelli bħal Gabriele D'Annunzio, il-poeta-pilota li l-Brigatisti lokali qimuh mhux biss bħala patrijott, iżda bħala l-ewwel poeta erotiku[42] ta' l-Italja Faxxista, l-universitarji Maltin, imħeġġin minn professuri bħal Arnaldo Fabriani, Vincenzo Laurenza u Giovanni Calabritto,[43] raw ir-rinnovament tad-dinjità Latina.[44] Miċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-ġurnali, mill-ħafna kuntatti li kellhom fi Sqallija u fl-Italja, kif ukoll minn inħawi privati bħal-librerija ta' F. Milazzo ta' Strada Reale,[45] il-Brigatisti kienu f'kuntatt ma jaqta' xejn ma' l-aħjar xogħlijiet avangardisti u Faxxisti kif ukoll id-diskorsi ta' Mussolini, in-notamenti ta' l-istampa Ingliża dwar il-mexxej Taljan u letteratura oħra li mexxiet il-propaganda ta' l-Italja bħala n nazzjon "principe". Minn D'Annunzio, Papini u Gugiotti, fost l-oħrajn, l-universitarji xettlu l-ammirazzjoni għall-epoka Mussolinjana u wħud qiesu li Malta kellha tkun l-aħħar ċagħqa ta' l-Italja.[46]

Il-kontroversja bejn in-Nazzjonalisti u l-Istricklandjani kienet tkompli ssostni l-influwenzi Italofiċi tal-Brigatisti.[47] L-istampa nazzjonalista kienet tirriproduċi artikli Taljani dwar it-tempesta storika fil-Mediterran li tqanqlet minħabba Strickland, "l-għadu ta' l-*italianità* ta' Malta".[48] Din l-istrateġija



D'Annunzio



Manzoni

ġurnalistika li ħarrxet lill-Uffiċċju Kolonjali biex igħaddi ordinanzi għal-limitazzjoni tal-lingwa Taljana fl-Università[49] u jirrestrinġi l-għadd ta' membri fl-*Istituto Italiano di Cultura.*[50] Il-Brigaṭisti ssuktaw fejn kienu ħallew uħud bħal Fortunato Mizzi u Arturo Mercieca, li rabat lill-intellettwali Maltin mal-patrija ta' Dante u Manzoni, filwaqt li identifika r-rebħiet fil-gwerra ta' D'Annunzio ma' sentimenti ta' fratellanza Maltija.[51] L-aħbar taċ-ċaqliq Faxxista fl-Italja, l-aktar fuq il-pjan ideoloġiku qadim patrijottiku, intrabtet mat-tradizzjoni kulturali qadima bejn iż-żewġ artijiet, kif turi din l-istqarrija ta' V.M. Pellegrini:

*Konna entużjażmati bit-tibdila kolossali li Mussolini wettaq f'pajjiżu. L-Italja, wara l-unifikazzjoni tar-renju li fiha l-Ingilterra kellha sehem siewi u għal dan it-Taljani ta' wara l-Epopea Garibaldina baqgħu rikonoxxenti, kienet magħquda iżda kien għad ma kienx għandhom il-ħolma ta' Mussolini matur li ried l-Imperu.*

*Kienet diġà bdiet tinżera' l-idea tal-Komuniżmu*[52] *marbut wara l-karru tar-Russja u bi ftit li xejn ħsieb li jtejjeb il-qagħda soċjali u l-istandard of living ta' poplu. Għal Mussolini t-Taljani kienu għadhom poplu indixxiplinat u magħruf kullimkien bħala poplu ta'* waiters.

*L-avventura ta' Gabriele D'Annunzio fi Fiume kienet l-ewwel xintilla ta' kobor għan-nazzjon futura Taljana. Meta nħoloq il-Faxxiżmu u meta Mussolini ħa l-poter f'idejh, l-affarijiet bdew jimxu u bdew jieħdu xejra oħra. Il-korruzzjoni bdiet tiġi kastigata, id-dixxiplina nfirxet kullimkien u wiċċ l-Italja beda jinbidel. L-anti-faxxisti ta' dak il-mument dik it-taqliba m'għoġbithomx; tilfu r-redgħa li kienu qegħdin jerdgħu (u bdew) iħallu pajjiżhom biex isibu fejn jimirħu aħjar.*[53] *Ma nistax ngħid fil-fatt x'kienet il-krudeltà tal-Faxxiżmu, jekk kien hemm krudeltà, għax din setgħet kienet personali u sporadika. Dak li nista' ngħid hu li d-dinja kollha ta' dak iż-żmien stagħġbet bil-progress li l-Italja u t-Taljani għamlu u l-kotba li nkitbu dwar il-miraklu Mussolinjan għadhom jeżistu u huma fatt storiku innegabbli.*

*L-Imperu Faxxista huwa paġna ta' Storja li tagħmel ġieh lill-Ideal ta' Mussolini u t-Taljani ta' dik l-epoka kienu kburin bil-grad għoli ta' ċiviltà li kienu laħqu.*

*Il-grupp tagħna ta' poeti u kittieba żgħażagħ konna għadna nħarsu lejn l-Italja bħala l-art ta' l-arti u l-artisti li l-ġenju tagħhom kien għaġġeb lid-dinja. Stajna nibqgħu bierda quddiem rinaxxita soċjali, politika u artistika bħal dik?*[54]

## Noti

1. Għas-sehem tal-poeti minuri fil-ġrajja tal-letteratura lokali *cfr.* O. Friggieri, *Storja tal Letteratura Maltija*, (Vol. 1, Malta, 1979), pp. 162–174.
2. *Cfr.* V.M. Pellegrini, *Giovanni Berchet, Capo Del Romanticismo e Poeta Del Risorgimento* (Malta, 1936).
3. Għall-polemika bejn it-Taljan u l-Malti li kellha twassal għat-twaqqif ta' l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, *vide* O. Friggieri, *L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti: qabel it-twaqqif* (*Il-Malti*, Sett., 1975), pp. 86–89.
4. *Il-Ħmar*, 8/12/1928.
5. *Ċirkolari, cit.*
6. *Vide* wkoll Ġ. Ellul Mercer, *Ġurnali Ċensurati mill-Knisja* (*Is-Sebħ*, 23/6/1951).
7. Ġ. Mamo, *op cit.*, n.p. 333.
8. *Il-Ħmar*, 5/4/1922.
9. Dokument li qatt ma xxandar tat-3/6/1949, miżmum għand il-familja ta' G. Curmi, fejn Ellul Mercer jiddikkjara li *Il-Jien u Lilhinn Minnu* ta' Psaila huwa l-aħjar xogħol li qatt inkiteb bil-Malti.
10. Ġ. Orlando (Grabiel D'Annunzio), *Il-Ħamsin Mizzista* (Tip. Chretien & Co., Malta, 1923), IV, VI, XXIV, et passim. Għall-attività tal-Mizzjani kontra *L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, vide* n. XI.
11. *25 Taqbila* (Lux Press, Malta, 1935).
12. *VII Ġunju, 1919* (Partit tal-Ħaddiema, Malta, 1927).
13. *Ibid., Twissija* ta' l-awtur bid-data 9/2/1927.
14. Indirizz tal-Parlament, 28/5/1927. *Vide* wkoll Ġ. Cassar Pullicino f'*Il-Berqa*, 4/8/1964.
15. Ġ. Cassar Pullicino, *Aquilina u l-Malti* (KKM, Malta, 1974), p. 124.
16. *Vide, Tagħlim il-Malti fl-Imgħoddi u Llum* (Stamperija Lux, Malta, 1932), p. 1. Għalkemm id-daħla għall-ktejjeb hija anonima, Ġ. Diacono għarraf lill-awtur preżenti li kkomponieha P.P. Saydon.
17. *Ibid.*
18. *Tagħrif* mogħti minn Ġ. Diacono lill-awtur waqt laqgħa f'Tal-Pietà, 10/7/84. *Vide* wkoll *The Sunday Times*, 22/8/1982, p. 12.
19. *Tagħrif, cit.*
20. *Ibid.*, il-kompożizzjoni finali kienet ta' Diacono nnifsu.
21. *Tagħrif, cit.*
22. *Ibid.*
23. Għall-attività tal-Mizzjani u l-Panzavecchiani fil-konfront tal-Malti, *vide* H. Ganado, *Rajt Malta Tinbidel* (Vol. II, Malta, 1974), p. 82. Ganado jimplika wkoll illi taqsimiet politiċi li ddefendew il-Malti kellhom mottivi ambigwi.
24. Diacono, *Tagħrif, cit.*
25. Fit-tieni nofs tas-snin Tletin Giov. Cremona kellu diversi kuntatti ma' Marinetti nnifsu ġewwa Ruma, fejn il-futurista, flimkien ma' l-attriċi teatrali u ċinematografika, Maria Jacobini, qraw ix-xogħlijiet tal-poeta Malti fit-*Teatro delle Arte* ta' Ruma wara li Cremona rebaħ żewġ edizzjonijiet tal-konkors *Stanza del Libro*. Fl-1938 Cremona serva wkoll bħala membru tal-ġurija, flimkien mad-drammaturgu Ugo Betti, fost l-oħrajn, fil-*Concorso Conquiste* f'Ruma.
26. *Cfr. L'Appello*, organu tal-*"Gioventù Fascista"* ta' Palermo (Anno III, n. 7, 1936), li xandar materjal mibgħut minn Malta.
27. P.C. Kent, *cit.*, p. 88.
28. *Malta Letteraria, ult. cit.*, p. 379.
29. *Ibid.*
30. *Ibid.*, p. 380.
31. *Ibid.*, p. 381.
32. *Ibid.*
33. Minħabba raġunijiet amministrattivi u finanzjarji, Pellegrini waqqaf *La Società Universitaria di Letteratura Italiana* (1932) biex ir-rivista setgħet tgħaddi f'idejha. Meta *La Brigata* waqfet toħroġ fl-1937, is-soċjetà xandret żewġ opuskoli, *Antologia Goliardica* (1938) fejn deher saġġ kritiku ta' Fortunato Mizzi dwar Ippolito Nievo, u G. D'Annunzio, u *Scampoli Goliardici* (1940).
34. L-attività angliċizzata ta' Aquilina ntrabtet mal-kawża determinanti tal-Malti, li fl-istudjuż diġà kienet preżenti fl-apprezzamenti kritiċi li beda jikteb fil-bidu tas-snin Tletin. *Cfr.* Ġ. Cassar Pullicino, *Aquilina u l-Malti* (KKM, Malta, 1974), pp. 16–51.
35. *Vide infra.*
36. *La Brigata* (Anno I, n. 1, Jannar, 1932).
37. L-ewwel darba f'dan is-seklu li xxandar f'Malta pubblikament l-awtur u statista Franċiż kien minn Manwel Dimech li kkwota lil Chateaubriand b'konnessjoni mal-jedd demokratiku għall-edukazzjoni ta' wlied il-foqra fil-gazzetta *Il-Bandiera tal-Maltin*, 24/9/1904.
38. Ġ. Aquilina, *L'Arte Letteraria di fronte alla vita* (Anno I N. XI), pp. 304–307.
39. Ġ. Zammit, *Il Futurismo nella Lirica d'Oggi* (Anno II, N. 1), p. 1.
40. *Ibid.*, pp. 3–4. Għal analiżi dokumentata dwar il-Faxxiżmu u l-Futuriżmu *vide* G. Prezzolini, iċċitat minn G. Bonfanti fi *Il Fascismo, La Conquista del Potere* (Brescia, 1976), pp. 16–20.
41. F.T. Marinetti, *Intervenista e Sostenitore del Fascismo*, fi *Gwerra, sola igiene del mondo* (Milano, 1914), p. 14.
42. *La Brigata* (Anno II, N. 1., 1932), p. 3.
43. *Tagħrif* mogħti minn V.M. Pellegrini lill-awtur, 4/7/1984.
44. Għall-fehmiet estensivi ta' Borgese, Chabod, Croce, Mack, Smith, Nolte u Salomone dwar D'Annunzio *cfr., Italy from the Risorgimento to Fascism* (Ed. A.W. Salomone, Devon, 1970), pp. 170–6, 184, 196, 330–1.
45. Magħrufa wkoll bħala *Libreria Italiana*, miftuħa fl-1932, b'kuntatti mill-qrib bejnha u bejn l-uffiċċju tal-propaganda tal-*Casa Editrice Vallecchi* ta' Firenze. *Cfr.* R. Borg, *op. cit.*, pp. 45–6.
46. V.M. Pellegrini, korrispondenza ma' l-awtur preżenti, Ġunju, 1984. Fabriani xandar il-kotba gradati f'sitt volumi *Il Fior del Mondo* fl-1932 bl-għan li jgħaqqad aspetti tal-Kultura Maltija permezz tat-Taljan; ġabar ukoll il-ħrejjef ta' Ġaħan u stampahom f'libretti bit-titlu *Fiabe e Leggende Maltesi* (serje *Bibliotechina dei Ragazzi*, Tip. S. Giuseppe, Malta, 1936). Laurenza kien interessat f'taħdidiet fl-Università li mbagħad xandar f'monografi fl-istamperija tal-Gvern (*cit. supra*). Min-naħa tiegħu, Calabritto, l-iktar wieħed impenjat politikament, iżżewwweġ lil Maria Elena Borg li kienet ixxandar bil-Malti minn Ruma matul il-gwerra bħala impjegata ta' l-istazzjon statali Taljan. (*Tagħrif* lill-awtur minn Ġ. Cassar Pullicino, Lulju, 1984).
47. *Ibid.*
48. *Malta*, 27/7/1930.
49. *Ibid.* 7/1/1936.
50. *Ibid.* 10/7/1936. Il-letterati ta' formazzjoni Taljana kienu ilhom isegwu l-kontroversja sa mill-1930, meta artikolisti bħal "Tantolo" kienu bdew jiktbu li r-reliġjon Kattolika kienet qed tkun attakkata mill alleanza ta' Strickland u l Uffiċċju Kolonjali Fil-*Malta* kien jinkiteb li l-Ingliżi "riedu joqtlulna ruħna". *Cfr. Malta*, 12/7/1930. L-attività intensifikat ruħha fl-1930 meta l-Isqof innifsu informa lill-Gvernatur illi t-Taljani kienu qegħdin jippruvaw jingaġġaw lill-kleru fil-ġlieda kontra l-Kuruna. *Cfr.* R. Borg, *Italian Propagandist Activities in Malta 1930–1939* (Teżi għall-M.A., 1978), p. 77.
51. V.M. Pellegrini, *cit.*
52. "Many priests had pro Italian sentiments and admired Mussolini for his struggle to stop the spread of Bolshevism. Others equated Italian sentiments with Rome, the seat of Catholicism. Monsignor Pantalleresco (il-moħħ u l-poter li kien imexxi l-organi tal-knisja *Leħen is-Sewwa* – M.A.) demonstrated how the (Italian) Consulate could make use of the clergy ... Pantalleresco was the driving force behind the *Azione Cattolica* which in British eyes appeared to be another *Balilla* ... Serious discussions took place between the British Colonial and Foreign Officials as to the possibility of making representations to the Vatican to replace Pantalleresco and (Herbert) Ganado as directors of the *Leħen is-Sewwa* ... Another priest involved in Italian propaganda in the island was the notorious Fr. Carta who was a prominent figure in the politico-religious conflict of 1927–30. He was listed with suspicious persons and even suspected of espionage." (R. Borg, *op. cit.*, pp. 77–9).
53. Jista' jkun li Pellegrini qed jirreferi għal letterati u politiċi bħal G.A. Borgese (1882–1952) jew Don Luigi Sturzo (1871–1958) li t-tnejn ħarbu minn taħt ir-reġim ta' Mussolini u stabbilew ruħhom fl-Istati Uniti.
54. Pellegrini, *cit.*



Ġużè Chetcuti
(Ħajr Cecil Satariano)



Sentimenti favur taqsimiet mingħajr privileġġi

# INTERVISTA MA' ĠUŻÈ CHETCUTI

Awtur tar-rumanz "NIRIEN TA' MĦABBA"

• *Diversi karattri fir-rumanz tiegħek joħolqu kuntrast, mhux biss f'sens ta' morali iżda wkoll f'sens ta' klassijiet soċjali. Int tidher li għandek ċerta simpatija naturali mal-klassi tal-ħaddiema, li ta' spiss tqieset bħala l-klassi l-baxxa. Mnejn taħseb li ġejja dil-ġibda tiegħek?*

Jien twelidt f'settur tal-ħaddiema – Bormla. Iż-żmien ta' ċkuniti, u ta' żgħożiti wkoll meta konna għadna noqogħdu Bormla, għadni niftakru sew. Għadni niftakar in-nies toħroġ għax-xogħol filgħodu kmieni, qabel is-sebgħa, malli tisma' ddoqq is-sirena tat-tarzna. Kien iż-żmien ta' qabel il-gwerra, ix-xogħol kien skars. Għadd kbir ġmielu ta' ħaddiema kienu jintasbu wara l-bieb tat-tarzna jistennew u jittamaw jekk tinqalax xi biċċa xogħol għalihom. Ħafna minnhom kienu jdumu jistennew għalxejn, u jerġgħu lura lejn djarhom bla sold fil-but. Il-familji dak iż-żmien ma kinux ikunu żgħar: minn ħames ulied 'il fuq.

Kien żmien ta' għaks u ta' tbatija għall-imsejken ħaddiem. Dak iż-żmien lili ma setax ma jimpressjonanix bin-nies tgħix imgeddsa fil-kerrejjiet u fl-isqaqien b'xi sfog ċkejken nhar ta' Ħadd wara nofsinhar b'qabda nisa jilagħbu t-tombla f'rokna ta' sqaq waqt li żwieġhom jinġabru f'xi ħanut tax-xorb jilagħbu l-karti u jlegilgu pinta nbid li ħafna drabi kienet tibqa' dejn għand tal-ħanut.

Il-faqar kien kbir, hekk ukoll il-ħmieġ. Il-ħmieġ kont tarah u tmissu b'idejk. Għadni niftakar, sa ġol-knisja waqt li qed tisma' l-quddies, tara nies quddiemek bl-insetti telgħin ma' daharhom. U qisu m'hu qed jiġri xejn, għax kulħadd kien dara jara ħwejjeġ bħal dawn.

Ħwejjeġ imraqqgħin u mqattgħin kont tara kemm trid. Il-ħafa kien moda. U nies li x-xorti ħaqrithom aktar minn oħrajn għax tathom moħħ ħafif kienu jkunu ċ-ċentru tad-daħk u taż-żeblieħ. Nies bħal dawn servewni ta' suġġett fi wħud min-novelli u r-rumanzi tiegħi bl-iskop li min kellu jieħu ħsiebhom jara kif jagħmel iħenn għalihom u jerfagħhom mill-miżerja li kienu fiha.

Imma f'ħajja bħal din b'nuqqas ta' xogħol, b'familji kbar, pagi baxxi, bl-isqaqien bid-djar fuq xulxin u l-kerrejjiet imqassma fi griebeġ fejn kbar u żgħar kienu jitħalltu f'kamra waħda, kien hemm ukoll fiex wieħed jedha: il-każin tal-banda u l-każin tal-futbol, xi ħarġa bil-mixi jew bil-karrettun lejn Wied il-Għajn, il-għawm il-Kalkara jew l-Irnella, it-tiġrijiet tad-dgħajjes li għalihom ta' Bormla kienu joqtlu.

Imbagħad il-festi: għall-festa tal-Kunċizzjoni t-toroq imżejna, knisja mdawla, Madonna ssaħħrek bi ġmielha – kollox sabiħ u ferrieħi. Imma l-ferħ kien ikun għal dak il-ftit żmien biss, donnha l-Madonna, tant maħbuba, kienet titfa' tama ta' faraġ u ħniena fuq il-qalb ta' dawk il-kotra ħaddiema li, wara li tgħaddi l-festa, ma jafux jekk humiex ser jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum.

Kien jasal ukoll Ħadd il-Għid, jum ieħor ta' ferħ. In-nies qalbha kienet marbuta mal-knisja, u meta kultant żmien kienet tasal il-Missjoni ż-Żgħira jew il-Missjoni l-Kbira n-nies kienet toħnoq il-knisja.

U Bormla – niftakar ukoll, ħafna snin ilu, fi ċkuniti – kienu jagħmlu u jorganizzaw il-karnival, u n-nies kienet tinġabar fi Pjazza Paolino Vassallo u tidħol ir-*Rialto* għall-ballu. Ġranet ta' ferħ li għal ftit kienu jnessu t-tgħakkis u l-isforzi li l-ħaddiem kien jagħmel biex forsi jirnexxilu jitma' familja kbira.

Tawwalt fuq dan il-kwadru tal-ħajja kif kienet fl-ambjent fejn għext jien fi ċkuniti, għax dik il-ħajja lili ħolqitli ħafna karattri u tatni ħafna riflessjonijiet u impressjonijiet biex stajt inżewwaq u nwassa' t-tema tan-novelli li ktibt, *Fra Martin u Novelli Oħra* per eżempju, u r-rumanzi u d-drammi, fosthom *L-Isqaq* u *Il-Kerrejja*. B'dan nikkonferma dak li għedt int li jien għandi ċerta simpatija naturali mal-klassi tal-ħaddiema. U ma setax jonqos meta nofs ħajti għaddejtha qalb il-klassi tal-ħaddiema, u naf kif kienu jaħsbuha u xi jħossu meta kienu jfittxu u ma jsibux x'jitimgħu lill-ħemel tfal li kellhom. Il-ġibda tiegħi lejn dawn in-nies hi ċara. Fil-biċċa l-kbira tal-kitba tiegħi, ktibt dak li ħassejt u dak li rajt. Ktibt il-verità.



*• Taqbel li matul ir-rumanz hemm imxerred ħafna djalogar li huwa "teatrali"? Kemm tajt importanza lid-drammatiċità f'dan ir-rumanz?*

Id-djalogar f'*Nirien ta' Mħabba* tajtu importanza speċjali. Jien u nikteb ir-rumanz immaġinajt daqslikieku kont qed nikteb dramm: tajt kotra ta' djalogi u fittixt li jkunu kemm jista' jkun ħajja u naturali. Minflok deskrizzjonijiet ħassejt li nkun qed ninqeda aħjar b'mod aktar dirett jekk nuża d-djalogar. Jekk inhi sitwazzjoni ta' passjoni jew litigar, ta' mħabba jew ta' ġlied, id-djalogu qdieni tajjeb għas-suġġett li ridt nittratta. Żammejt djalogu sempliċi, frisk, spikkat, b'sentenzi qsar, konċiżi daqslikieku qed niżvolġi suġġett fi dramm. Għax bħalma l-kelma fi dramm jekk ma tkunx kif toħroġ naturali minn ħalq l-atturi, titlef mill-freskezza u l-forza espressiva tagħha, hekk ukoll f'rumanz.

*• Dan jidher li huwa rumanz li jeħodna lura madwar 40 jew 50 sena, meta f'Malta kien hawn taqlib soċjali kbir. Tista' tgħidilna kemm effettwatek it-taqliba soċjali li kienet qed isseħħ f'dawk iż-żminijiet?*

Ir-rumanz hu ambjentat fiż-żmien immedjatament ta' wara l-gwerra, l-aħħar tas-snin erbgħin u l-bidu tas-snin ħamsin meta, kif sewwa għedt int, Malta kienet għaddejja minn taqliba soċjali, tibdila fondamentali fil-ħajja tal-familja. Malta ta' qabel il-gwerra kienet Malta fqira meta seftura kienet taħdimlek minn sbiħ Alla sa ma jidlam b'lira fix-xahar; il-gwerra kompliet tifliġna imma minn taħt dik il-ħerba bdiet titwieled Malta oħra, il-ħaddiem beda jarfa' rasu u jitlob bla biża' u bla ħabi d-drittijiet tiegħu, u x-xbejba ma baqgħetx aktar kwadru mwaħħal mal-ħajt, tagħmel biss dak li jgħagħluha tagħmel ommha u missierha. Seftura tar-rieda tagħhom.

Din it-taqliba soċjali effettwatni u jien urejtha sa mill-ewwel paġni tar-rumanz kif jidher ċar minn din l-idea li qed nislet mit-tieni kapitlu: "Ħarġet kif joħroġ għasfur meta tiftaħlu l-bieba tal-gaġġa. Il-ħajja għaliha nfetħet beraħ quddiemha, kbira, wiesgħa, mimlija attività. Id-dinja llum tħares lejha mhux bin-nuċċali mtappan imma b'par għajnejn miftuħin beraħ biex igawdu s-sabiħ li fiha.... Il-kwadru indurat inqala' minn mal-ħajt u tfarrak ma' l-art. Bħal dak il-kwadru ntemmet għat-tfajla Maltija l-ħajja ta' miżerja mentali."

*• L-element folkloristiku f'**Nirien ta' Mħabba** jinħass qawwi wkoll. Għaliex din l-enfasi?*

Il-foklor hu element li jien inħobb indaħħal ħafna fix-xogħlijiet ta' proża li nikteb. Inħoss li l-element folkloristiku jagħti varjopinti lis-suġġett, u l-karattri u l-ambjent jieħdu aktar ħajja u kulur lokali. Deskrizzjoni ta' festa maħduma artistikament u b'dettalji li jolqtu l-immaġinazzjoni u jqanqlu n-nostalġija, inħoss li tiġbed l-interess tal-qarrej. Hekk ukoll id-drawwiet, il-għana popolari li ħafna drabi jniggeż u jolqot fil-laħam il-ħaj, is-superstizzjonijiet li minn dejjem kienu mqabbdin mal-qalb ta' niesna. Il-folklor hu suġġett li lili jogħġobni ħafna u nfittex li ninqeda bih biss fejn hu meħtieġ.

Il-festa ta' San Filep, il-banda ta' Indri, il-magħmudija ta' tarbija l-għada li titwieled, is-saħħara li tagħmel il-



L-element folkloristiku hu preżenti dejjem

parti ta' tabib, il-kenur, it-trajbu tal-bizzilla, il-Vjatku bil-purċissjoni tat-tfal tnejn tnejn mill-knisja sad-dar tal-moribond, ix-xalati f'Ħadd in-Nies u f'San Girgor, l-Imnarja, it-tiġrijiet ta' Santu Rokku, u t-tberik tal-bhejjem nhar Sant'Antnin, il-bejgħ ta' l-ilma fil-qannata f'nhar il-festi fl-irħula – dawn il-kwadri folkloristiċi daħħalthom u żewwaqthom fir-rumanz biex iqanqal l-immaġinazzjoni tal-qarrejja u bi ħsibijiethom imorru lura fis-snin u jieħdu idea tad-drawwiet u l-ħajja tal-poplu f'medda ta' madwar ħamsin sena ilu.

*• Fir-rumanz jinħass ukoll element didattiku. Tista' tfisser lill-qarrejja tagħna x'tifhem int b'dil-kelma? Taqbel li hemm laqtiet didattiċi f'dan ix-xogħol?*

L-element didattiku nsibu li nqdew bih diversi awturi bl-iskop li l-ideat u s-sentimenti li jesprimu jservu ta' tagħlim għal min jaqra. Didattiċi huma ħafna mill-ideat li niltaqgħu magħhom, ngħidu aħna, fir-rumanz *Taħt Tliet Saltniet* u d-drammi tal-Professur Aquilina. Didattiċi wkoll insibu li kienu Ġużè Bonnici f'*Il-Qawwa ta' l-Imħabba* u Ġużè Ellul Mercer f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir.* M'għandniex xi ngħidu, l-element didattiku niltaqgħu ħafna miegħu wkoll fil-poeżija tista' tgħid tal-poeti kollha ta' qabel is-sittinijiet, il-poeti tradizzjonali.

Fir-rumanz tiegħi wkoll, *Nirien ta' Mħabba*, in-nota didattika ma naqsitx. Fittixt, u naħseb li rnexxieli, li din in-nota didattika tinsatar taħt libsa artistika u mhux tieħu l-forma ta' prietka.

*• Kien hemm awturi barranin li setgħu kellhom influwenzi fuqek: għandna f'moħħna realisti bħal Gogol, Hugo jew Zola. Jew forsi kien hemm xi influwenzi romantiċi wkoll?*

Nista' ngħidlek illi r-rumanzieri li semmejt qrajt ix-xogħlijiet tagħhom meta kont għadni żagħżugħ, ħafna snin ilu. Magħhom inżid lil Giovanni Verga. Ħassejtni impressjonat bir-realiżmu tagħhom fid-deskrizzjonijiet ta' passjoni u ta' mħabba, u nista' ngħid illi l-istil realistiku tagħhom f'sitwazzjonijiet u kwadri ta' ħajja ta' pajsaġġi u ta' karattri, influwenzani mhux ftit fil-kitba

tiegħi sew tar-rumanzi u novelli kemm ukoll tad-drammi. Ir-realiżmu nħoss li qiegħed f'demmi u kulma nikteb ma nistax naħrab milli niddeskrivi kemm jista' jkun fil-verità tiegħu dak li nara u dak li nħoss. Ktibt ħafna mill-esperjenzi li għaddejt minnhom.

• *Il-karattri tiegħek responsabbli għal egħmilhom jew immexxija minn xi għamla ta' "destin"?*

Karattri hemm diversi, u ma nistax ngħid li kollha huma responsabbli għal egħmilhom jew inkella li kollha kemm huma tkaxkru mal-mewġa tad-destin. Kollu minnu li d-destin għamel il-parti tiegħu fil-ħajja ta' wħud minnhom. Insemmi xi każijiet:

(i) Kien id-destin li laqqa' lil Lija ma' Marija tal-Belt. Kien b'kumbinazzjoni li Lija sab ruħu minn ġo Ħaż-Żebbuġ f'dar ġol-Belt fejn iltaqa' max-xbejba li maż-żmien kellha tkun martu.

(ii) Kien id-destin illi lil Therese tefagħha hawn Malta wara l-mewt ta' ommha biex kellha tgħaddi minn ġrajjiet li qatt ma ħolmot li kienet ser tgħaddi minnhom. Imma min-naħa l-oħra ħadd ma jista' jeskludiha mir-responsabbiltà tad-delitt li wettqet.

(iii) U l-istess ħaġa ħadd ma jista' jeskludi lil Lija minn nuqqas ta' responsabbiltà li wera fil-konfront ma' martu u ma' wliedu, l-aktar fil-każ ma' ibnu Martin.

(iv) Id-destin ukoll kaxkar lil Martin fit-triq tal-ħażen meta, ta' età żgħira, bla għaqal xejn, waqa' taħt id-dwiefer ta' Peppinu, ħafna akbar minnu fis-snin. Iżda Martin wera sens ta' responsabbiltà meta salva tarbija minn ħalq il-mewt.

(v) Salvinu kien responsabbli għal egħmilu. Kien jaf x'qiegħed jagħmel meta lil Rożanna bidilha ma' Therese. Imma fil-każ tiegħu wkoll id-destin ħadem il-parti tiegħu meta summiena li qatel hu waqt li kien għall-kaċċa waqgħet fil-ġnien tad-dar ta' Lija u kien minn dik l-okkażjoni li nibtet rabta ta' psewdo-mħabba bejnu u Rożanna.

Destin u responsabbiltà wettqu sehemhom ukoll fil-ħajja sfortunata ta' Marija tal-Belt, u mingħajr ebda dubju nuqqas ta' responsabbiltà f'kull pass li ħadu nsibuh f'Peppinu, Beatu, u Ritchie.



**Hugo, Zola u Verga: awturi li impressjonaw lil Chetcuti**



# BEJN IL-ĠUĦ u L-ARMAMENTI

WAĦDA MIX-XEWQAT tiegħi dejjem kienet li mmur nagħmel xogħol volontarju f'art barranija. Il-vokazzjoni tiegħi qatt ma kienet għal soru imma l-ħsieb li tagħti milli għandek lil ħaddieħor qatt ma ħallieni nistrieħ. Niftakar kont qiegħda f'wieħed mill-gruppi ta' talb li nattendi s-soltu, u għaddew xahrejn u wara ftit sibt ruħi l-Indja, l-art tal-faqar u l-miżerja.

Kien l-ewwel vjaġġ bl-ajruplan, li għamilt. Mort liebsa eleganti għax jien stennejt li l-ajruport ser ikun hemm nies ta' klassi għolja. Minflok inħsadt. Matul it-triq kien hemm serbut twil ta' tallaba, it-tfal bdew jiġru warajja jġebbduli l-libsa biex jitolbu karità. Ħassejtni nistħi nara dawk in-nies b'nofs ilbies u jiena liebsa pulit. Tħawwadt, il-ħsibijiet bdew għaddejjin minn rasi bħal vagun wara vagun tal-ferrovija li jħallu duħħan iswed biss warajhom. Mingħajr ma kont naf, bdejt nitkellem waħdi u ngħid "Għaliex?" Ma kontx kapaċi llissen kelma oħra.

Fuq l-Indja kont ili nisma', imma qatt ma kont naċċetta l-fatti daqshekk koroh. Ta' żagħżugħa li jien, kont naħseb li dawn kienu jdawruhom ħażin. L-ekonomija ta' l-Indja tinsab f'sitwazzjoni kerha. Il-prodotti li jipproduċu huma ftit, għalhekk issir ħafna importazzjoni ta' prodotti, l-aktar ta' l-ikel. B'hekk il-pożizzjoni finanzjarja sejra għan-niżla. Barra minn hekk, l-ammont ta' armamenti importati huwa kbir, ħdejn dak ta' pajjiżi sinjuri bħall-Ewropa. L-istatistiċi juru li mill-Ewropa qed timporta tlettax fil-mija. Hawnhekk wieħed jinduna malajr bl-iżbilanċ. L-Indja li hija pajjiż fqir qiegħda taħli ħafna flus fuq armamenti u tħalli n-nies imutu bil-ġuħ.

Ftit mill-problemi ewlenin ta' l-Indja huma l-klima, l-art u n-nuqqas ta' ikel. L-iżjed waħda serja hija n-nuqqas ta' ikel li tkompli tnaqqas it-tama tal-ħajja. Għalhekk ir-rata tal-mortalità tiżdied, l-aktar fit-trabi. Il-problema tkompli tikber minħabba li ma jistgħux jiksbu mediċina tajba u l-għadd tat-tobba huwa żgħir għall-popolazzjoni daqshekk kbira. Nafu li fl-Indja, għal kull 1,460 ruħ hemm tabib wieħed li ħafna drabi jsib min jattakkah bħan nies illitterati.

Niftakar xħin wasalt New Delhi rajt ħafna tfal jiċċassaw lejja. Wieħed minnhom kien tifel ta' ħames snin. Kien niexef għuda, il-kustilji tiegħu kienu jingħaddu u l-ġilda kienet mimlija boċoċ boċoċ, minħabba l-mard li kellu. Xagħru kien imġiegħed, kollu nokkli suwed magħqudin. Mid-dehra xagħru kien ilu ma jara moxt minn twelidu. Il-kisra t'għajnejh kienet tinfidli qalbi, donnu kien qiegħed jitlobni nieħdu miegħi. Żaqqu kienet kbira, mhux għax kien tfajjel qawwi iżda bil-mard. Għall-kuntrarju kien magħlub. Ħaddejh kienu

• jissokta f'paġna 197

# IR-ROMANTIĊIŻMU FIL-POEŻIJA TA' ĠORĠ ZAMMIT



IR-ROMANTIĊIŻMU bħala moviment letterarju kien ilu żmien twil li waqaf fl-Ewropa meta beda jikteb Ġorġ Zammit. F'Malta dan il-moviment baqa' jkarkar sas-Sittinijiet meta l-Moderniżmu ta' Achille Mizzi, Daniel Massa, Mario Azzopardi, Victor Fenech, Philip Sciberras u Doreen Micallef, fost l-oħrajn, xehed l-anakroniżmu tal-moviment ta' qablu.

Zammit għandu xi poeżiji moderni, bħal ngħidu aħna, *Il-Għanja ta' Għada* (pp. 6–8) li skond il-poeta stess "kienet fost l-ewwel, jekk mhux l-ewwel poeżija *moderna* fil-kamp letterarju tagħna" (*Il-Ħajja* 19/4/1985). Madankollu, fil-qofol tagħha, l-antoloġija *Poeżiji* (1980) tibqa' ġabra tipikament romantika. Hu stess stqarr: "Li jien għandi natural romantiku u li jiena ammiratur tal-Moviment Romantiku ma nistax niċħad".

Zammit joqgħod mar-romantiċi intimisti. Kif jistqarr hu stess fl-istess intervista li ta lil *Il-Ħajja*, "Fil-versi tiegħi dejjem fittixt li nkun *jien* u ħadd iktar". Jemmen mija fil-mija fis-sentiment, fl-idealiżmu, fil-ħolma u l-ħajja għalih hija ħolma. L-Arti stess għalih hija mimlija b'dan il-ħolm u ma tistax tkun ikkondizzjonata miż-żmien: "Il-poeżija... la hi antika u lanqas moderna. Jekk hi vera poeżija ma jagħmel ebda differenza... Is-sabiħ dejjem sabiħ, tlibbsu kif tlibbsu. Hi l-profondità tal-ħsieb u ta' l-emozzjoni u s-sengħa kif jimmaniġġa l-kelma li tgħodd u mhux il-forma. Il-poeta jħoss, iħobb, jifraħ jew jitnikket, u kif iħoss igħanni".

U l-għanja tiegħu hi romantika għax fiha għandu l-idjoma poetika tar-romantiċi. L-għażla tat-tematika, tal-metafori, tal-bixriet rettoriċi, ta' l-istruttura lingwistika u l-metrika tiegħu huma romantiċi. Għandu fidi reliġjuża qawwija mħallta ma' l-emozzjoni, qima lill-eroj bħala l-immortali tal-pajjiż kif ukoll id-djalogu intimu man-natura.

Il-poeżija ta' Zammit hija aktar psikoloġika milli filosofika. Jitkellem iżjed fuq il-qagħda ta' ruħu u ta' l-ambjent tiegħu bħala poeta milli fuq kif jikteb u għaliex jikteb. Jidhru dejjem is-Sabiħ, il-Veru u s-Siewi. Huma t-tliet elementi li fuqhom tinbena l-poeżija tiegħu, bħalma jiġri fl-estetika umanistika-orazjana.

*Saltnati wild il-beraħ,*
*Saltnati wild is-skiet,*
*'Il b'għod mill-geġwiġija*
*Tal-kotra u ta' l-ibliet.*

...........................................

*Jien dejjem nagħti merħba*
*Liċ-ċkejken u lill-kbir;*
*Min jidħol ġo saltnati*
*Miegħi sultan isir!*

*Ejj'int ukoll, biex miegħi*
*Tistagħna b'dan ir-rahan*
*Tal-ġid li biss jaf jagħti*
*Tas-slaten is-Sultan.*

(*Saltnati*, p. 40)

Bejn Alla li ħalaq u l-poeta, il-maħluq, ma hemmx differenza. Fil-poeżija hemm is-seħer u n-nostalġija li jressqu lis-sensi lejn l-ispirtu:

*Mhux min jitħannex taħt riġlejn il-qawwa,*
*Mhux min l-imgħawweġ isejjaħlu dmir,*
*Mhux min ikasbar lil min ħniena jitlob,*
*Mhux min jinbiegħ bil-flus jissejjaħ kbir!*

(*Ċ-Għerien tal-Fatati*, p. 2)

Għax il-Veru huwa sabiħ, u min jitkellem fuq il-Veru jkun qiegħed jagħmel ħaġa siewja. Kif ikompli jistqarr Zammit: "Ideal li jiena dejjem ipprovajt nilħaq... kien u għadu l-ġmiel – tant il-ġmiel li wieħed jista' jara b'għajnejh, kemm dak li wieħed iħoss fl-egħruq ta' qalbu u ta' ruħu. U dan il-ġmiel, kif jidher fil-poeżiji ta' dan il-ktieb insibu kullimkien, fil-pajsaġġ Malti, fil-ħoss tal-kelma, f'ċerti ismijiet ta' postijiet f'Malta bħal Ġebel Ażara, Għar Barka, l-Għajn tas-Sirena; fl-għanja tal-baħar bl-egħlieqi niżlin lejh qishom taraġ, fil-ħoss tal-qniepen idoqqu 'l bogħod, fil-messaġġ ta' ġid u barka li x-xita ġġib magħha u dak kollu li jfakkarni f'Alla, għaliex fl-aħħar mill-aħħar, l-ispirazzjoni ġejja minn fuq".

Il-poeta, bħalma stqarru bosta poeti barranin, bħal Friedrich Schlegel (1772–1829) u bosta poeti Maltin, bħal Dun Karm (1871–1961), Karmenu Vassallo u Ġorġ Pisani, huwa 'l fuq mill-oħrajn għax ġej minn Alla. Il-poeżija tiegħu hija sublimi, reliġjuża u kapaċi ssaffih lill-bniedem. Kif igħid Zammit lil Vassallo,

*Hekk; ibqa' għanni, Ħabib: l-għana, bħat-talb,*
*Igħaqqadna mal-Mulej, u jsaffi l-qalb.*

(*Lil Karmenu Vassallo*, p. 117)

Id-dinja poetika ta' Zammit hija wkoll in-natura tal-ħxejjex u ta' l-annimali. Il-bniedem ma jidhirx, għax, bħalma jiġri fil-każ tal-poeżija ta' Anton Buttigieg (1912–83), il-bniedem jaf biss bil-qerda u bil-ħażin. Imma min m'huwiex uman jagħtih bixra ta' bniedem għax jantropomorfizzah. Bħalma jistqarr fil-poeżija *Għajn Riħana*, l-għanja tiegħu hija "misruqa" min-natura:

*Nixxiegħa li tiġri, titgerbeb,*
*Daħkana, ferħana se ttir,*
*'Tihieli dik l-għanja, misruqa*
*minn sema ikħal nir.* (p. 2)

U l-ispiritwali jmiss ukoll il-morali, tant li l-poeżija toħloq djalogu ma' l-ambjent naturali.

*Le, le, poeta. Lilek Alla riedek*
*Għannej tal-ferħ.*
(*Lil Werżieq tal-Ħarrub,* p. 34)

Kollox ma' kollox, kif jistqarr Zammit stess, l-"argumenti ta' natura reliġjuża jqanqluni ħafna. Imma jiena dejjem infittex l-aspett profondament reliġjuż, u mhux sempliċement devozzjonali. Il-poeżija reliġjuża hija ħaġa diffiċli ħafna. Id-divinità, kiteb Dr. Johnson, hi tant għolja illi ebda immaġinazzjoni ma tista' tilħaqha. B'danakollu, ma jistax wieħed ma jammettix li x-xewqa ta' dak li ma jistax jintlaħaq kienet minn dejjem u għadha mottiv ta' poeżija.

"Jekk hemm min jaħseb li jiena didattiku fil-poeżiji tiegħi naħseb li għandu impressjoni ħażina. Li jiena nħobb ngħallem hu fatt u għamilt snin u snin ngħallem 'l hawn u 'l hemm imma jiena dejjem infittex li nwassal xi messaġġ fil-qarrej – messaġġ ta' tama, ta' inkoraġġiment, ta' faraġ".

Zammit ma jiddeskrivix biss, imma jġarrab u jħoss l-ambjent, isir ħaġa waħda miegħu u jitkellem bil-leħen ta' l-oġġetti, tal-postijiet u tal-ħlejjaq. Minkejja d-djalogu, il-poeta xorta jkun qed jitkellem miegħu nnifsu fi djalogu ħerqan bħala vittma, bħala "qassis" li qed jiċċelebra l-glorja tan-natura u bħala n-"namrat" etern tagħha.

Zammit iġarrab wisq il-pajsaġġ Malti. Il-poeżija tiegħu teżisti dejjem b'referenza għal xi post magħżul, bħal Għajn Riħana, San Ġużepp tat-Tarġa, il-Wied tal-Lunzjata, Għawdex, Gelmus u Wied Babu. In-natura qatt ma tkun anonima jew barranija bħalma jiġri fil-poeżija ta' Anton Buttigieg. It-topografija poetika hija storika, teżisti xi mkien u fiha kwalitajiet li l-qarrej jista' jkun jafhom minn qabel. Zammit huwa l-vjaġġatur tal-pajsaġġ Malti, il-gwida ta' l-irkejjen tipiċi Maltin, jinnamra ma' l-ismijiet tagħhom biex joħloq alliterazzjonijiet u livelli ritmiċi oriġinali. Dan jidher fl-aqwa tiegħu fiż-żewġ poemi *L-Għanja tas-Seba' Għerien* u *L-Għanja tas-Seba' Niċeċ* u din it-tfittxija għall-imkejjen torbtu wkoll ma' Ružar Briffa. Fihom wieħed isib ukoll mawra turistika u esplorattiva. Il-poeta jivvjaġġa skond il-qagħda ġewwiena u psikoloġika. Il-vjaġġ huwa fiżiku u spiritwali. Hu jfisser poetikament kulma jħoss billi jbiddel l-astratt u l-ispiritwali fl-elementi fiżiċi u pajsaġġistiċi. Artifiċjalment jidher li jkun qed jaħrab, bħal fil-poeżija *Lill-Imħara:*

*Naħrab tal-ħajja l-hemm u l-ġeġwiġija*
*Meta bħall-mewġ jiżżiemel il-ġejjieni:*
*Qalbi l-għerien, qoxorti l-poeżija.* (p. 8)

Imma dan m'huwiex escapiżmu għax il-poeta jrid juri l-kobor u l-ġmiel lil min għadu ma jafx bih biex bih jegħleb il-kruha u t-tbatija l-oħra.

Zammit huwa wkoll poeta patrijottiku, bħal Ġan Anton Vassallo, Dun Karm, Karmenu Vassallo u Ġorġ Pisani. Jemmen fil-kobor storiku li jservi ta' mudell, ta' ispirazzjoni u ta' lezzjoni għal-lum u għall-ġejjieni. L-imgħoddi huwa kbir għax jidealizzah. Imma Zammit dan jinterpretah b'kalma u mhux b'qilla bħal Dun Karm.

*Qalbi tingħafas għax iż-żmien xejjinkom;*
*Iżda nitkabbar, għax la ż-żmien qerried*
*Anqas il-qilla ta' Kajjin ma naqqset*
*Fina l-qlubija tal-missirijiet.*
(*Lis-Swar ta' Malta,* p. 104)

u

*Kull meta jisimgħuk bil-ferħ maħnuqa*
*Issemma' leħnek, nies it-Tlitt Ibliet*
*Lil qalbhom jerfgħu lejn is-sema, b'talba*
*Li leħnek jibqa' jferraħ lill-ulied...*
(*Lill-Qanpiena ta' Sant'Anġlu,* p. 118)

M'hix biss ħarsa nostalġika imma twemmin fil-kobor ta' l-imgħoddi u ta' l-eroj tiegħu, bħal Dun Mikiel Xerri, li jikseb immoralità dejjiema għan-nazzjon ħieles:

*Le, tħalliniex: biex Malta tibqa' kbira,*
*Biex int, għalina, ma tkunx mitt għalxejn!*
(*Lil Dun Mikiel Xerri,* p. 122)

Kif jistqarr Zammit: "Hemm min jaħseb li argumenti ta' natura storika għandhom jitħallew għall-kittieba ta' l-Istorja. Imma jekk nirraġunaw hekk nistgħu ngħidu li argumenti ta' natura soċjali għandhom jitħallew għall-politikanti – li hu żball ieħor.... Ma nistax nifhem għaliex is-suġġetti li għandhom x'jaqsmu ma' l-Istorja tagħna għandhom jitħallew fil-ġenb, għaliex x'inhu l-preżent ħlief konsegwenza ta' l-imgħoddi u x'inhu l-futur ħlief konsegwenza tal-preżent? U din is-sensiela ta' l-imgħoddi mal-preżent u mal-ġejjieni hi appuntu l-Istorja".

Kollox ma' kollox, il-poeżija ta' Zammit għandha bixra devota, mimlija fidi, ir-ruħ li tterraq fl-art bi ħsiebha fis-sema, l-għajn li fiċ-ċkejken tara l-kbir, l-id moħbija li fasslet kollox. Zammit huwa l-adult li jġarrab il-misteru bla ma jifhmu, li jlaqalqu bla ma jista' jgħid l-għaliex għalkemm jinsab ġewwa fih. Min ma jridx jifhem dan, ibati hu!

*Le, dinja, le: xejn la tiddieħak bija*
*għax f'dan is-skiet nibet l-hena, u mhux fik.*
*Ħallini ngħanni l-għanja tan-nixxiegħa:*
*inti tistmerrni – u lilek, jien nibkik.*
(*F'Wied il-Bużbież,* p. 183)

ĠORĠ MIFSUD

NOTA: Il-biċċa l-kbira tas-siltiet ittieħdu mill-intervista mal-poeta, ippubblikata f'*Il-Ħajja* (19/4/1985).

**Spirti oħra tar-romantiċiżmu letterarju f'Malta: K. Vassallo, A. Buttigieg, R. Briffa**



# IL-PROPAGANDA IMPERJALISTA FIL-POEŻIJA TA' ĠORĠ PISANI

FIL-GĦID TAŻ-ŻGĦOŻIJA hemm ħames poeżiji li jintrabtu għal kollox mal-propaganda imperjalista favur l-Ingilterra: *L-Għanja tal-"Coronation"* (pp. 40–1), *Fil-Waqgħa ta' Tuneż u Biżerta* (p. 45), *Nelson* (p. 61), *Epithalamion* (p. 65) u *Lill-Ingilterra* (p. 80). Il-ħamsa li huma nkitbu fit-tletinijiet u fl-ewwel snin ta' l-erbgħinijiet.[1] Fir-raba' waħda tispikka x-xewqa tiegħu li poeti oħra Maltin igħannu bħalu l-għanja tal-Imperjaliżmu. Għal nhar it-tieġ ta' Irene Campbell, bint il-gvernatur Sir David Campbell (1931–36), jitlob simbolikament lil Malta biex lil din it-tfajla ssibilha poeti oħra biex jiktbulha l-poeżiji:

*Islet mis-sider tal-Poeti żgħażagħ,*
*L-għanja ta' qlubna ħalli llum tferraħha.*

Pisani m'huwiex il-kittieb waħdieni hawn Malta u barra minn Malta li jfaħħar f'dellierju lill-Imperu Ingliż. Ta' min isemmi l-istqarrija ta' Evelyn Waugh fir-rumanz *Men at Arms* (1952) bil-gandlieri għoljin li jdawlu l-mejda tal-mess biex jikkomemoraw il-ġrajja militari tas-seklu l-ieħor f' "siġar tal-palm fiddiena u f'nies slavaġ fiddiena b'rashom baxxuta".[2]

Imma daqshekk ieħor kien hawn kittieba, anki Ingliżi, li wrew anki stmerrija ċkejkna lejn dan l-Imperjaliżmu, bħal ngħidu aħna Lord Milner. Imbagħad, George Orwell, bħala uffiċċjal tal-pulizija f'Burma qal fl-għoxrinijiet kif "baqa' l-ħin kollu milqut mill-fatt li s-suldati (Ingliżi) kienu l-aktar taqsima tal-komunità l-bajda li kienu l-aktar mibgħuda".[3]

Din l-istmerrija lejn it-tradizzjoni glorjuża ta' l-Imperu Ingliż bdiet mill-Gwerra tal-Boeri 'l hawn, sewwa sew mill-1899 'l hawn. L-Ingliżi kulma jmur bdew jistħu mill-Imperu daqskemm qabel l-1899 kienu kburin bih. Ma jfissirx li l-imperjalisti spiċċaw darba għal dejjem, kif iixhed kliem Waugh, imma l-ħarsa kritika kompliet tixxettel u tiqliel, l-aktar wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

Pisani jagħmel bosta stqarrijiet ta' lealtà lejn l-Ingilterra. Hija l-Omm ta' Malta, aħna wliedha, aħna nbusuha, ngħannquha u nħaddnuha, hi l-feddejja tagħna u Alla jbierek din l-għaqda qaddisa. Dawn il-mottivi u oħrajn,[4] igħannu l-Imperjaliżmu Ingliż fit-tradizzjoni ta' l-aħħar tletin sena tas-seklu dsatax. Hu imperjalizmu nazzjonalistiku li tnissel fl-Ewropa wara l-gwerer nazzjonalistiċi li welldu lill-Italja fl-1861 bis-saħħa ta' Camillo de Cavour (1810–61) u lill-Ġermanja fl-1871 bis-saħħa u l-ħila setgħana ta' Otto von Bismarck (1815–98). Il-ħidma ta' Bismarck werwret lil Franza u beżżgħet lill-Ingilterra. Kien l-istess imperjaliżmu li wassal lir-Russja ftit 'il bogħod minn Kostantinopli fl-1877.

Bħala reazzjoni psikoloġika, il-pajjiżi kollha fil-ħakma, l-aktar Franza u l-Ingilterra nisslu fihom xewqa ħerqana li jiksbu mill-ġdid u jibqgħu jirsistu biex ma jitilfux il-prestiġju nazzjonali u internazzjonali. Franza, bit-telfa tagħha ta' Alsace u Lorraine, tatha aktar minn qatt qabel għall-kolonjaliżmu fl-Afrika u fil-Lvant Imbiegħed. L-Ingilterra pattiet għall-iżolament tagħha fl-Ewropa billi għamlet minn kollox biex tkabbar, twessa' u tigglorifika l-Imperu Ingliż. Ir-Russja, li kellha lill-Qawwiet il-Kbar kontrieha fil-Kungress ta' Berlin (1878), barra l-Awstrija-u-l-Ungerija, tefgħet għajnejha fuq l-Asja. L-Italja u l-Ġermanja wrew lid-dinja li l-prestiġju li rebħu fl-Ewropa bil-qilla ta' l-armi, kellhom il-jedd li jkabbruh b'rebħiet oħra barra l-Ewropa u b'hekk iqiegħdu s-sisien ta' l-Imperu ġdid tagħhom u jiddefenduh. Kien żmien ir-Romantiċiżmu wkoll u n-nies kien jogħġobhom is-sensazzjonaliżmu.

Dan il-moviment favur l-Imperjaliżmu kienu ilhom irewħu favurih bosta kittieba intellettwali u bosta patrijotti. Kien hemm Lothar Bucher u Otto Kersten fil-Prussja, Paul Leroy-Beaulieu fi Franza u Sir Charles Dilke, Cecil Rhodes u, fuq kollox, Benjamin Disraeli fl-Ingilterra. Rhodes stqarr: "Kont ngħaqqad il-pjaneti kieku stajt!" U fl-1872 Disraeli, 'il quddiem Prim Ministru ta' l-Ingilterra (1874–80), rabat lill-Partit Konservattiv tiegħu bi programm imperjalista.

It-tellieqa għall-bini u għat-twessigħ ta' l-Imperjaliżmu kienet miftuħa għal kulħadd. L-Afrika l-aktar li batiet bejn l-1885–89. Saħansitra kien isir ftehim fuq ieħor bejn il-Qawwiet il-Kbar biex iserrħu rashom ħalli l-priża tkun aħjar. Ngħidu aħna, il-Ftehim Mediterraneu (1887) bejn l-Ingilterra u l-Italja, u 'l quddiem ma' l-Awstrija wkoll, iddefenda l-*istatus quo* fil-Mediterran.

Kien Joseph Chamberlain (1836–1914) fl-Ingilterra li ried jorganizza l-Imperu fuq sistema soda u jdaħħal sistema preferenzjali ta' tpartit kummerċjali bejn l-Ingilterra u l-kolonji. Fl-1902 stqarr: "Il-futur ibassar l-imperi kbar u m'hemmx Imperu akbar mill-Imperu Ingliż." L-Imperjaliżmu ried ikun politikament espansjoni dejjiema, suprema u sensazzjonali fejn in-nazzjonaliżmu seta' jsib l-iżvog tiegħu. Teoretikament hemm differenza kbira bejn l-Imperjaliżmu u n-nazzjonaliżmu. Imma fil-prattika din id-differenza ngħelbet bin-nazzjonaliżmu tat tribujiet u bir razziżmu fil miftuħ. L imperjalisti fil pajjiżi kollha bdew jiftaħru li kienu qed jiddefendu l-interessi tal-pajjiżi kkolonjalizzati u li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-partiti tagħhom. Pisani dan jurih ċar fis-sunett *Nelson*, fejn l-eroj ta' Trafalgar (1805) jitqies bħala l-feddej ta' Malta u l-poeta jistiednu:

*.................... għat taqbid ithejja,*
*Keċċi minn Malta tal-Maltin l-egħdewwa.*



Cavour (1810 – 61)



Bismarck (1815 – 98)

X'kienu jagħmlu fir-realtà ma jfisser xejn. Anzi dik kienet diska oħra. L-imperjaliżmu tagħhom kien is-sinsla tan-nazzjonaliżmu Ingliż. Fil-ħakma tal-popli barranin u tal-pajjiżi mbiegħda għarfu t-triq waħdanija biex jaqdu lill-Kuruna Ingliża. L-Imperjaliżmu sar il-manija u l-ġenn tal-Qawwiet il-Kbar.

L-Ingilterra kienet il-Qawwa l-Kbira li kellha l-akbar kolonji, sew fin-numru kif ukoll fil-firxa ġeografika tagħhom – jew kif igħid Pisani, "Tagħmel li tagħmel il-ġirien għajjura" (*Lill-Ingilterra*). Bejn l-1870 u l-1900 żiedet il-firxa tagħha bin-nofs u l-popolazzjoni tagħha b'terz. Kellha tliet kwalitajiet ta' kolonji: 1. il-kolonji bl-awtonomija, bħall-Awstralja, Cape Colony, in-Natal, in-New Zealand u l-Kanada; 2. l-Indja miżgħuda b'ħafna problemi u mmexxija minn dipartiment speċjali ta' l-istat; 3. għadd kbir ta' Kolonji tal-Kuruna ("Crown Colonies") immexxija minn gvernatur kull waħda u li jiddependi mill-Uffiċċju Kolonjali f'Londra.

Malta kienet tagħmel ma' dawn il-Kolonji tal-Kuruna, u, bħal Ġibiltà u Aden, kienet importanti minħabba l-port strateġiku tagħha u bħala ċentru tal-komunikazzjoni fl-Imperu u għall-istivar tal-faħam.

Bosta kienu l-kawżi għal din il-mewġa ta' Imperjaliżmu fis-seklu dsatax. Imma nistgħu naqsmuhom f'żewġ fehmiet differenti: 1. il-fehma *determinista*, jew dawk li kienu jemmnu li l-Imperjaliżmu kien inevitabbli fl-Istorja, u 2. il-fehma *rimedjalista*, jew dawk li kienu jemmnu li l-Imperjaliżmu seta' jsib it-tarf ta' bosta problemi. Ħafna drabi ż-żewġ fehmiet kienu jitħalltu flimkien u l-argumenti ta' naħa tużahom in-naħa l-oħra. F'Pisani stess hekk insibuhom. L-Ingliżi jidhru superjuri u aqwa minn kulħadd għax għandhom "l-aqwa Imperu.../ li qatt rat fuqha l-art" (p.91) u l-Ingilterra kapaċi ssib it-triq it-tajba għall-problemi u l-kwistjoni interni tal pajjiż:

*Minn ġewwa x-xefaq m'intix tilmaħ ġejja*
*Sħaba tal-biża' kollha dlam u dnewwa,*
*Illi tifred il-qlub u trid b'inkejja*
*Teqred ta' l-għaqda l-isbaħ sliem minn ġewwa?* ***(Nelson)***

L-Ingilterra kapaċi tinkuraġġixxi fejn hemm bżonn biex ir-rabta kolonjali ma tittifisx:

*Malta ħelwa, kemm ġrajja tal-biża'*
*Għaddew fuqek mas-sebħ ta' kull jum!*
*'Mma r-ruħ tiegħek bħal ruħ ta' ġgant qawwi,*
*U l-qalb tiegħek bħall-qalb minn ta' ljun.* ***(Fil-Waqgħa ta' Tuneż u Biżerta)***

Wara l-Ewwel Gwerra Dinjija l-ġenn għall-Imperjaliżmu kien batta għal kollox. Beda dieħel il-prinċipju ta' l-awtonomija li tkellem fuqu ċar A.J. Balfour fil-*Konferenza Kolonjali* ta' l-1926 u li sar liġi bl-Istatut ta' Westminster fl-1931. Dan kien igħid li l-Ingilterra tibqa' l-aktar membru importanti tal Commonwealth, li l-Kanada, l-Awstralja, in-New Zealand, Newfoundland (ingħaqdet mal-Kanada fl-1949), is-South Africa u Eire jsiru indipendenti u importanti daqs l-Ingilterra, il-liġijiet tal-Parlament Ingliż ikunu jgħoddu għalihom jekk huma jaċċettawhom minn rajhom, u l-liġijiet tagħhom ma setgħux isibu l-veto kontriehom mill-Ingilterra. B'hekk il-monarkija biss kienet tgħaqqad lill-imseħbin tal-Commonwealth. Fl-1932 il-Konferenza Ekonomika Imperjali aċċettat il-fehmiet ta' Joseph Chamberlain fuq is-sistema preferenzjali fil-Commonwealth – l-importazzjoni mill-kolonji nħelset mit-taxxa.

Għaddew bosta snin sakemm il-Commonwealth żied fil-membri tiegħu.[5] Pisani la jsemmi l-Indipendenza jew ir-Repubblika fil-poeżiji tiegħu, u lanqas ma jsemmi jew jagħmel xi sejħa biex Malta xi darba tissieħeb fil-Commonwealth!

ĠORĠ MIFSUD

NOTI

1. Ara, Mifsud, Ġorġ, *Il-Għid taż-Żgħożija – Noti għall-Istudenti tal-Matrikola* (1985), pp. 74 – 5.
2. Waugh, Evelyn, *Men at Arms* (1952), p. 53.
3. Kiernan, V.G., *European Empires from Conquest to Collapse, 1815 – 1960*, (1982), p. 191.
4. Ara, Mifsud, Ġorġ, *op. cit.*, pp. 34 – 6.
5. Sakemm Malta ħadet l-Indipendenza fl-1964, kien hemm dawn il-pajjiżi fil-Commonwealth: 1931: ir-Renju Unit, il-Kanada, l-Awstralja u n-New Zealand; 1947: l-Indja u l-Pakistan; 1948: is-Ceylon; 1957: il-Malasja u l-Gana; 1960: in-Niġerja; 1961: Ċipru, Sierra Leone, u t-Tanżanija; 1962. l-Uganda, il-Ġamajka u Trinidad and Tobago; 1963: il-Kenja; 1964: Malta, il-Malawi u Żambja.



Disraeli: programm imperjalista



Chamberlain: organizza l-Imperu

# L-IMWARRBIN

**"Meta l-imwarrbin isibu rwieħhom ħabta u sabta mġegħlin biex jerġgħu jgħixu l-passat taghom, dan ikollhom jagħmluh b'aktar tbatija u turment milli kieku ħallew is-sogħba tmisshom wisq qabel. Kieku għamlu hekk, ma kien ikun hemm bżonn l-ebda anġlu tat-tpattija, għax kienu jaslu għall-fidwa huma stess, minn jeddhom u bid-dehen tagħhom ta' nies responsabbli. Il-proċess *Ħtija – Tpattija – Sogħba – Fidwa* kien jibqa' sħiħ u mingħajr il-ħtieġa ta' ebda ndħil vjolenti."**

FRANCIS EBEJER

IL-QOFOL TA' "L-IMWARRBIN" (oriġinarjament *The Cliffhangers*) jinteressa l-idea tal-katarsi, il-ħtieġa tat-tindif mill-ħtija li tibqa' tippersegwita lill-bniedem sakemm jindem. Ebejer kien diġà uża dan l-argument f'radjudrammi tiegħu bħal *Is-Sejħa ta' Sarid* (1950), *Bwani* (1951) u *Sefora* (1953). Huwa argument qadim li mbagħad issaħħaħ fil-letteratura moderna permezz ta' l-għarfien tal-psikanaliżi, l-aktar kif imnebbħa minn Freud. L-imgħoddi jibqa' jinfluwenza lill-preżent, fis-sens illi l-bniedem tal-preżent huwa s-*somma totali* ta' l-azzjonijiet tiegħu l-imgħoddija. F'dan id-dramm, Ebejer jidher interessat l-aktar minn problema universali dwar it-tiġrib, dwar il-ħtija u dwar il-ħtieġa tat-tpattija. F'dan ix-xogħol m'hemmx protagonista wieħed, iżda *kollezzjoni* ta' protagonisti li lkoll qegħdin jaħarbu minn xi ħaġa li għadha tippersegwitahom. L-imgħoddi tagħhom (kriminali f'diversi sensi tal-kelma) jibqa' jsus warajhom mill-widien ta' madwar il-lukanda, fejn marru "jistkennu" biex jaħarbu "mill-isfida tal-verità".

Id-dramm jagħmel użu wkoll minn argumenti oħra li dejjem kienu fil-quddiem nett tal-ħsieb kreattiv ta' Ebejer. Hawn ukoll, Ebejer idaħħal il-kunflitt etern bejn il-ġenerazzjonijiet, bejn iż-żgħażagħ u x-xjuħ. Andrè u Casta jaslu fil-lukanda biex jipproċessaw lix-xjuħ. Andrè jisfida s-sens ta' "privileġġ" li jista' jkollhom l-anzjani:

> *Intom ix-xjuħ, għax xjaħtu, mhux għax ridtu – ifhimha sew din – imma għax kellkom tabilfors tixjieħu ... intom tippretendu li ġejtu meħlusin u maħfurin mir-responsabbiltajiet li ġemmajtu fil-passat. Neħħiha minn moħħok li l-età għandha tħassar kollox. Età xejn.*

*L-Imwarrbin* jippreżenta sitwazzjoni f'salib it-toroq bejn ix-xjuħija u ż-żgħożija, xi ħaġa li ma tistax ma toħloqx il-problema prinċipali taż-żmien: kemm hemm rabta bejn l-imgħoddi u l-preżent? Għandu jitqies illi l-età misjura tax-xjuħ għandha tintuża minnhom bħala "privileġġ" biex teħlishom mir-responsabbiltajiet ta' egħmilhom fl-imgħoddi? Jekk ix-xjuħ jibqgħu jinħbew u jaħarbu l-verità, għandu jkun hemm min iġegħelhom jiftakru x'għamlu fil-passat? Imqar jekk ser iweġġgħu? Id-dramm jippreżenta sensiela ta' karattri li, bis-saħħa tal-proċess taż-żmien, ħasbu li setgħu *jinsew*. Konxjament iridu "jkunu injoranti". Sakemm jibqgħu jinħbew, ma jistax jasal il-mument tat-tisfija, u għalhekk, iż-żgħażagħ isiru *ċerimonjieri* u *mħallfin* f'daqqa waħda (f'ritwal maħsub biex jippurifika).

Dak li sar fl-imgħoddi ma waqafx meta waqfet l-azzjoni, iżda baqa' mgħobbi b'ħafna konsegwenzi. Ebejer juża diversi effetti biex juri illi l-irtirati fil-lukanda għadhom ippersegwitati (ngħidu aħna, ta' min jiftakar fit-tieqa tal-lukanda, dejjem tħabbat, jew it-telefon, dejjem iċempel). L-imwarrbin tad-dramm jibżgħu mill-proċess taż-żmien: jibżgħu illi ż-żmien għad jikkundannahom u minħabba f'hekk "jistaħbew" fil-lukanda li tinsab fil-quċċata ta' l-għolja, maqtugħa minn kulħadd, servuti minn lukandiera fidila, Rafela, li wkoll trid tinsa l-imgħoddi tagħha għax ċaħdet l-imħabba u ċaħdet il-funzjoni materna tagħha.

Fid-daħla kritika tiegħu għad-dramm, O. Friggieri jgħid hekk: "Il-preżent huwa l-imgħoddi mġebbed fil-qagħda ta' issa. Tista' din ir-rabta qalila tinqata' biex il-bniedem igħix biss fil-preżent, jiġifieri maħlul mill-effetti mgħoddija?" Il-biża' ta' l-imwarrbin huwa l-konsegwenza ta' dak illi sar diġà. Dan huwa l-biża' ta' min iħares lejn l-imgħoddi tiegħu u jibża' mill-konsegwenzi jew mir-responsabbiltajiet li ġġib magħha t-tifkira.

Din it-teżi Ebejer saħansitra kien użaha fit-teledramm tiegħu *Ħitan*, fejn għandek xwejjaħ Lhudi jinħeba fil-kamra tiegħu u jipprova jidfen l-imgħoddi biex ma jiftakarx li taħt in-Nażi, f'kamp ta' konċentrament, kien ġifa u bagħat lil martu biex tmut minfloku. L-istess bħalma jiġri f'*Ħitan* (studju dettaljat tad-drammi ta' Ebejer juri illi hemm ħafna qagħdiet ripetuti, forsi b'ossessjoni), l-imwarrbin igħaddu minn ċerimonja ta' tisfija li tisfurzahom biex ibatu ħalli jwelldu personalità mnaddfa. Ir-reklużi kollha tal-lukanda, min b'mod u min b'ieħor, huma ħatja ta' l-atti li wettqu fl-imgħoddi kontra ħaddieħor. Il-karattri magħluqin fil-lukanda huma lkoll immexxijin lejn id-destin finali tagħhom bħala *konsegwenza taż-żmien*. Il-ħtijiet tagħhom igħajtu għall-purifikazzjoni, għall-katarsi. Huwa minħabba f'hekk illi jaslu fil-lukanda l-prosekuturi żgħażagħ: Andrè u Casta jinvadu l-ambjent protettiv tal-lukanda biex jiggudikaw il-kriminalità tax-xjuħ li qegħdin jistaħbew u jaħarbu mir-realtà.

Ix-xjuħ iridu (jew jeħtiġilhom) igħixu "realtà" oħra: realtà li ffurmaw huma stess, għall-kumdità tagħhom, biex jippruvaw (mingħajr ma jirnexxilhom) jidfnu l-ħtijiet li kkommettew fil-passat. Għalihom il-lukanda tirrappreżenta post ta' mistrieħ u ta' ħarba. Għall-osservatur minn barra, il-lukanda għandha tirrappreżenta

l-egħluq li qiegħed jagħfas tax-xjuħ; għal dawn l-anzjani ma jistax ikun hemm ħelsien jekk il-kuxjenza tagħhom tibqa' mgħobbija b'dak illi għamlu fl-imgħoddi mingħajr ma pattew għalih. Il-biża' kollettiv ta' l-imwarrbin tlissnu Jean b'dan il-kliem:

*L-issa huwa l-aktar mument importanti. Jekk tħalli l-imgħoddi jirfes fil-preżent, il-mera tiċċajpar u kull sinjal ġo fiha jintefa u tkun qisek trid issib triqtek fid-dlam.*

Iż-żgħażagħ jaslu fil-lukanda biex, b'mod mill-aktar provokattiv u aggressiv igiddbu l-argumenti mbeżżgħin tal-kbar. Andrè u Casta jixxennqu għall-għarfien tal-verità: dik l-istess verità illi x-xjuħ qegħdin jagħmlu minn kollox biex igħattu u biex jinsew. Huwa għalhekk illi, dejjem fil-fehma ta' Friggieri *L-iskoss kbir irid jiġi minn xi barrani.*

Fit-Tieni Att tad-dramm l-argument ewlieni jinteressa l-iskopertà tal-verità. Akkost ta' kollox iż-żgħażagħ prosekuturi jridu jisfidaw il-verità. Sabiex kollox jibda jidher fl-ilwien veri tiegħu, mingħajr ipokresija, mingħajr biża', mingħajr skużi u mingħajr privileġġi. Ir-ritwal li jintroduċi Ebejer fit-Tieni Att huwa mimli referenzi għal vokabularju illi jfakkar minnufih f'sagrifiċċju u f'tindif: *mewġ, ilma, nar* u *demm.* Dan huwa sagrifiċċju mimli wġigħ li jridu jgħaddu minnu x-xjuħ biex jissaffew mill-ħtijiet li ħarbu minnhom għal ħafna u ħafna snin. Hawnhekk, f'sens kristjan, Ebejer donnu li qiegħed jagħmel enfasi fuq il-ħsieb tal-''qrara'', meħtieġa biex issir ir-rikonċiljazzjoni mad-Divin. Fil-fatt, fix-xogħlijiet kollha ta' Ebejer hemm din l-idea ta' ritwal (daqqa pagan u daqqa oħra nisrani) li terġa' tintuża mid-drammaturgu b'insistenza (ara, ngħidu aħna, *L-Imnarja Żmien il-Qtil* jew ir-ritwal mimli wġigħ li tgħaddi minnu l-protagonista ta' *Il-Ħadd Fuq il-Bejt*).

Is-sens tal-ħtija f'*L-Imwarrbin* jinfirex u jħaddan lill-umanità kollha. Bis-saħħa ta' l-istess sagrifiċċju, l-umanità tista' tagħraf ir-responsabbiltajiet tagħha u titnaddaf mill-iskorċa ta' l-ipokresija. U dan għax, kif kien osserva l-filosfu magħruf Santayana, ''kull min jinsa l-passat, huwa kkundannat li jerġa' jgħixu.'' Ebejer qiegħed igħid illi l-imwarrbin ma jistgħux jibqgħu jaħsbu illi dak li għamlu m'humiex ser ipattu għalih. Jeħtieġ li jagħmlu r-riparazzjoni sabiex xi darba jerġgħu *jiġġeddu* (ħsieb ieħor ċentrali fl-opra kollha tad-drammaturgu).

A. MICALLEF



**Sidt il-lukanda: il-weġgħa ta' min jiċħad l-imħabba**



**• jissokta minn paġna 191**

jixhduh dan, għax kienu mdaħħlin 'il ġewwa bħal ta' skeletru. Qorq ma kienx jaf x'inhu, dejjem ħafi kemm fil-kesħa kif ukoll fis-sħana. Dak il-ħin qbadt it-tifel u għannaqtu u ġrejt bih f'ħanut fil-qrib. X'aktarx li qatt ma kien daħal ġo ħanut qabel. Beda jħares madwaru u jiċċassa xħin jara n-nies jieklu. Ordnajtlu l-ikel u mingħajr ma tah ċans jibred beda jiekol b'idejh, għax furketta u sikkina ma kienx jaf x'inhuma. Meta bdejt inħares lejh beda jagħtini ngħid li qatt ma kien kiel f'għomru.

Sadanittant inġabru tfal oħra wiċċhom imtappan mal-ħġieġa u jħarsu bħallikieku kienu qed igħidu x'xorti kienet messitu lill-ħabib tagħna. Iddispjaċieni għalihom, għax f'pajjiżna naraw kelb marid jiġri barra wkoll nitħassruh.

Wara li ħallast ħriġna 'l barra mill-ħanut u jien tlaqt għal xogħli. Il-faqar li rajt hemmhekk ma jitwemminx. Nies nofshom imneżżgħa ma' l-art, agħrajjex tat-tiben li mal-ewwel maltempata jaqgħu.

Il-problema m'hijiex daqshekk diffiċli li wieħed ma jsolvihiex. In-nuqqas ta' egoiżmu jnaqqas il-problema. Imma llum il-pajjiżi ħsiebhom biex iġemmgħu l-armamenti li ma jwasslu għalxejn ħlief għall-vjolenza u għall-gwerer nukleari.

JUDITH DINGLI

**Tweġibiet tat-Taħriġ (1) li deher f'Volum 1, Nru. 8, p. 151**



د ج ا ج ← دَجَاج



ح ج ر ← حَجَر



س ت ا ر ← سِتَار



ب ح ر ← بَحْر




ز ب د ← زُبْد



ش م س ← شَمْس



ذ ب ا ب ة ← ذُبَابَة



ص يّ ا د ← صَيَّاد



ص ا ر و خ ← صَارُوخ



ث م ر ة ← ثَمَرَة

• jaqbad minn p. 151



# ض

ض ف د ع ← ضِفْدَع



م ق ب ض ← مِقْبَض

---



# ط

ط ي ي ا ر ة ← طَيَّارَة



ب طّ ← بَطّ

---



# ظ

ظ ر ف ← ظَرْف



م ح ا ف ظ ← مَحافِظ

---

# ع



ع ن ك ب و ت ← عَنْكَبُوت



م ص ع د ← مِصْعَد



ا ص ب ع ← اصْبَع

---

# غ



غ س س ا ل ة ← غَسَّالَة



ب ب غ ا ء ← بَبْغَاء



ر س غ ← رُسْغ

• jissokta f'ħarġa oħra



# Mingħand il-Qarrejja

Jiena waħda mill-qarrejja li nistenna bil-ħerqa r-rivista tiegħek. Għala darba fix-xahar? Ma tafx li l-eżamijiet jippretendu wisq mingħandna? U nissuġġerilek li ddaħħlu materjal aktar għal-livell Ordinarju. Naħseb li taf li għall-Malti għandna erba' kotba għal-Letteratura u mhux tnejn.

**Monica Cauchi**
**Il-Mellieħa**

***Nota editorjali:*** *Nixtieqù kieku nistgħu nilqgħu t-talbiet tal-korrispondenta tagħna, imma ta' min iżomm f'moħħu li l-ħin u ż-żmien huma l-akbar egħdewwa tagħna. Barra minn hekk, iż-żejjed imbidded. Aħjar darba fix-xahar u r-rivista tibqgħu tagħtu kasha b'entużjażmu. Nifhmu biżżejjed il-ħerqa tagħkom li tgħaddu mill-eżami. Imma r-rivista tagħna trid taħseb ukoll għall-istudenti tal-Livell Avvanzat li għandhom bħalissa żewġ kotba għall-ewwel karta u tmien kotba għat-tieni karta. Fuq kollox, bħala Bord Editorjali noqogħdu attenti li jkun hemm ukoll kitbiet komuni għat-tnejn, kemm għal-Livell Ordinarju kif ukoll għal-Livell Avvanzat. Jagħmlu sewwa l-korrispondenti u l-qarrejja tagħna tal-Livell Ordinarju jekk jaqraw ukoll il-kitbiet tal-Livell Avvanzat għax b'hekk ikunu jistgħu jfanndu dejjem iżjed l-għarfien tal-Lingwa u tal-Letteratura.*

Nixtieq qabel xejn nifraħ lil dawk kollha li ħadmu jew qegħdin jaħdmu biex toħroġ ir-rivista *Mis-Sillabu*. Ninsab ċert li dan ix-xogħol mhux biss popolari ma' dawk li fil-preżent huma studenti tal-Malti, iżda wkoll ma' dawk kollha li xi darba kienu jistudjaw il-Malti u llum baqgħu jgħożżuh bħala wieħed mill-isbaħ wirt ta' missirijietna.

Għalkemm *Mis-Sillabu* għandu bħala għan ewlieni li joffri aktar tagħrif dwar il-materjal li jinsab fis-sillabi tal-matrikola tal-Malti u l-Għarbi, naħseb li jkun ta' fejda kieku jkun fih xi artikli dwar l-użu tal-Malti fil-ħajja Maltija ta' llum, bħal ngħidu aħna fl-amministrazzjoni pubblika, fil-liturġija, fid-divertiment u fl-edukazzjoni. Artikli bħal dawn jistgħu wkoll jintużaw fit-tiswir ta' komponimenti ta' xeħta argumentattiva.

Il-mixja 'l quddiem ta' Isienna, tiddependi mhux ftit minn kemm jirnexxilna nagħmlu użu tajjeb minnu biex iservi ta' mezz ta' komunikazzjoni aktar faċli bejnietna.

Fejn ilsna barranin għadhom jieħdu post il-Malti, irridu nkomplu nisħqu biex jitneħħew.

**Martin Spiteri**
***Ħaddiem-Student***
***Amministrazzjoni Pubblika,***
***it-II Sena***
**Ħal Balzan**

Laqtitni ħafna l-kontribuzzjoni tiegħek fuq *L-Aħħar Żjidiet fil-Grammatika tal-Malti* (*Mis-Sillabu*, nru. 7). Imma ma nafx għalfejn ġibtha daqshekk qasira u fuq il-qoxra. Kieku kont nixtieq eżempji aktar.

**Rita Deguara**
**Iż-Żebbleħ**

***Nota editorjali:*** *Dawn iż-Żjidiet inġabru f'paġna waħda bi ħsieb. L-iskop kien li intom taqtgħuha u tpoġġuha fuq l-iskrivanija tagħkom bħala referenza kontinwa ħalli tidrawhom malajr. 'Il quddiem beħsiebna nieħdu dawn iż-Żjidiet waħda waħda u nistħarrġuhom skond ix-xewqa tal-korrispondenta tagħna.*

Nixtieq nagħti prosit lil Alfred Zerafa għall-kontribuzzjonijiet tiegħu ta' l-Għarbi. Nista' ngħidlu li kemm lili kif ukoll lil sħabi swewlna ħafna għall-eżami tal-Matrikola. Imma nixtieq nissuġġerilkom: għala ma tagħtux traduzzjoni sħiħa tas-silta bl-Għarbi?

**Raymond Butigieg**
**Il-Qala, Għawdex**

***Nota editorjali:*** *Minn dejjem kellna f'moħħna din il-ħaġa, imma l-ispazju sar problema kbira. Madankollu, il-Kumpanija P.E.G. għadha kif ħarġet ktieb ta' din ix-xorta, bit-traduzzjonijiet b'kollox, u miktub ukoll minn Alfred Zerafa. Aħna ċerti li, mill-kummenti li diġà kellna, se jintlaqa' tajjeb minnkom l-istudenti ta' l-Għarbi.*

Qabel xejn irrid nirringrazzjak ta' l-interess li *Mis-Sillabu* qed jieħu fina l-istudenti. Kemm Joselle Attard kif ukoll Emanuel Mifsud semmew, permezz tal-paġna 'Mingħand il-Qarrejja', ix-xewqa li l-kittieba żgħażagħ ta' llum jingħataw l-opportunità li jippubblikaw xi xogħlijiet tagħhom permezz ta' din ir-rivista. Madankollu, naħseb li t-tnejn, forsi mingħajr ma riedu, taw x'jifhmu li l-kitba żagħżugħa ta' llum hija għal kollox maqtugħa mill-bqija tal-kitba Maltija. Hawnhekk, jien ma naqbilx magħhom. B'mod speċjali fil-każ tal-livell Avvanzat, l-istudent ma jistax jikkritika b'mod tassew matur silta letterarja jekk din il-kitba ma jqegħedhiex fil kuntest tal-kitba Maltija in ġenerali.

F'Malta hawn ħafna nies li meta ssemmilhom il-letteratura tagħna jqisu biss dik ta' Dun Karm u sħabu, u dik tal-kittieba rivoluzzjonarji tas-snin sittin. Le! F'pajjiżna llum għandna ħafna talent letterarju fost iż-żgħażagħ, x'aktarx aktar minn qatt qabel. Fil-fatt, li kieku m'għandniex kittieba żgħażagħ, kieku l-arti miktuba f'Malta hija mejta.

Għalhekk, nixtieq ninkoraġġixxi lill-Bord Editorjali ta' *Mis-Sillabu* biex jibda jippubblika rokna għal-letteratura żagħżugħa biex ir-rivista tkun dejjem aktar siewja u interessanti. B'hekk tkunu wkoll minn ta' l-ewwel li tintroduċu aktar maturità fl-istudju tal-letteratura, kemm fil-livell Ordinarju kif ukoll fil-livell Avvanzat.

**Adrian Grima**
**Il-Gżira**

Filwaqt li nifraħlek għar-rivista tiegħek, nixtieq nagħmillek suġġeriment prattiku: għala ċerti studji bl-Ingliż fuq il-Malti u l-Letteratura Maltija li jidhru barra minn Malta ma ġġibuhomlniex fir-rivista? Kif jippretendu l-għalliema tagħna li naqrawhom, meta lanqas huma stess ma jkollhom kopja? Barra minn dan, wieħed mill-kotba tal-Lingwistika, qed nirreferi għall-*Papers in Maltese Linguistics* hu miktub bl-Ingliż u, qed niftakar, f'waħda mill-ħarġiet tal-bidu ta' *Mis-Sillabu* kontu ġibtu xi ħaġa fuq Dun Karm bl-Ingliż. Aħna l-istudenti tal-livell Avvanzat jidhirli li kapaċi naqraw b'din il-lingwa la wasalna fejn wasalna.

**Tony Gambin**
**Ħad-Dingli**

***Nota editorjali:*** *Il-Bord Editorjali stħarreġ sewwa s-suġġeriment ta' dan il-korrispondent u aħna kuntenti ħafna li se nwettquh mill aktar fis. Il-kriterju ta' l-għażla jibqa' xorta waħda, jiġifieri li kulma jinkiteb irid ikollu x'jaqsam mas-sillabu tagħkom. Fuq kollox il-kultura tagħna qed tingħaqad sewwa mal-lingwa Ingliża u m'għandniex għalfejn nitmeżimżu minnha.*

POEŻIJI TA' ĠORĠ ZAMMIT

IL-ĦADD FUQ IL-BEJT

SAN ĠWANN

IL-GĦID TAŻ-ŻGĦOŻIJA

DUN KARM

L-IMNARJA ŻMIEN IL-QTIL

LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR

TABERNAKLI

LINJI ĠODDA

TAĦRIĠ FL-GĦARBI

NOTI GĦALL-ISTUDENTI TAL-MATRIKOLA

Din is-sensiela għall-Matrikola Ordinarja u għall-Matrikola Avvanzata tal-Malti hi maħsuba biex l-istudenti jinżlu aktar fil-fond fl-istħarriġ tat-testi ta' l-eżami. Hawn referenzi bijografiċi, hawn stħarriġ tal-ktieb, hawn il-mistoqsijiet biex igħinu lill-istudenti jaħsbu għall-eżami. Fil-każ tar-rumanzi u d-drammi hawn il-kapitli jew l-atti fil-qosor. Fil-każ tad-drammi hawn intervisti ma' l-awtur.

B'dawn in-noti l-istudent se jkollu moħħu mistrieħ li jkun mhejji bis-serjetà għall-eżami.

10 KOTBA ĠODDA JINSTABU GĦALL-BEJGĦ!

peg Publications

**Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.,**
P.E.G. Building,
Herbert Ganado Street, Ħamrun
Telephone: 24186

**P.E.G. Book Centre,**
Savoy Shopping Arcade,
Republic Street, Valletta
Telephone: 621229